**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.D., LL.M (Kent); Barrister-at-Law (England & Wales)**

**Kaz numru 80/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Spiteri )**

**vs.**

**Carmel Cauchi**

**Illum it-   ta' Marzu 2023**

Il Qorti:

Rat illi tressaq Carmel Cauchi ta' 53-il sena iben Carmel u Victoria xebba Cauchi, imwieled nhar l-24 ta' Novembru 1963, resident 18, Chartess, Triq il-Parocca, Mellieha u detentur tal-Karta tal-Idenitta Maltija numru 636163(M).

Billi int akkuza talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta' Jannar 2016, bejn 6:00 hrs u 10:hrs, fi Triq tal-Labour, Naxxar u/jew bandi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kont qed issuq vettura

bin-numru ta' registrazzjoni DAF-300 ikkagunajt il-mewt ta' Joanna Boni. Art 225 Kap 9

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kont qed issuq vettura ta' registrazzjoni DAF-300, ikkagunajt xi hsara jew gharraqt xi haga u cioe' vettura tal-ghamla Kawasaki ER-6N bi numru ta' registrazzjoni JBV-308 ghad-dannu ta' Joanna BOni u/jew persuni ohra, fejn minhabba f'hekk sehhet il-mewt ta' Joanna Boni. Art 328 (a) Kap 9

3. Soqt vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAF-3600 b'manjiera bla kont, traskurata jew perikoluza. Art 15 (1) (a) (2) Kap 65

Il-Qorti miltuba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat General sabiex il-kawza odjerna tigi ttrattata bi procedura sommarja.[1]

Rat illi meta l-imputat gie mistoqsi xi jwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[2]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

Rat li fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti inkluz li terga taghmel access fuq il-post in kwistjoni.[4]

---

[1] Folio 4 ta' l-atti processwali
[2] Folio 10 ta' l-atti processwali
[3] Folio 191-193 ta' l-atti processwali
[4] Folio 195 ta' l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-20 ta' Jannar 2020.[5]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-11 ta' Lulju 2022.[6]

Rat id-dokumenti kollha prezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda kollha, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-prosekuzzjoni fejn irrimettiet ruhha ghall-provi kollha prodotti.[7]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile datat 11 ta' Awwissu 2022[8] u n-nota tas-sottomissjonijiet tad-difiza ta' l-imputat datat 12 ta' Settembru 2022.[9]

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2022.[10]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Din il-kawza hija rizultat ta' kollizjoni li saret nhar il-5 ta' Jannar 2016, bejn is-6.00hrs u l-10.00hrs ta' filghodu fi Triq Tal-Labour, Naxxar bejn l-imputat li kien qed issuq trakk tas-siment u l-mejta Johanna Boni li kienet riekba ssuq il-mutur taghha.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

---

[5] Folio 196 ta' l-atti processwali
[6] Folio 390 ta' l-atti processwali
[7] Folio 398 ta' l-atti processwali
[8] Folio 399-425 ta' l-atti processwali
[9] Folio 427-454 ta' l-atti processwali
[10] Folio 458-462 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2017 xehdet **Christianne Borg**, Deputat Registratur, li ezebiet il-proces-verbal dwar l-incident odjern, redatt nhar id-9 ta' Jannar 2017 mill-Magistrat Inkwirenti, illum Onor. Imhallef, Dr Consuelo Scerri Herrera.

Fl-istess seduta xehdet **l-Ispettur Sandra Zammit**, li kkonfermat ir-rapport taghha fl-atti tal-inkjesta. Ix-xhud spjegat li kienet marret fuq il-post fejn kien hemm *readymix* bin-numru ta' registrazzjoni DAF-300, kif ukoll kien hemm mutur bin-numru tar- registrazzjoni JBV-308, fejn ftit il-boghod minnu kien hemm ukoll il-kadavru tal-vittma Joanna Boni. Ix-xhud kienet infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa Dr Consuelo Scerri Herrera u kienet inhatret inkjesta. Ix-xhud kienet kellmet ukoll lill-imputat Carmel Cauchi wara l-incident fl-Ghassa, u dan minhabba li immedjatament wara li sehh l-incident, kien ittiehed l-isptar ghax kien taht xokk.

Ix-xhud spjegat li r-readymix kien qieghed ihares lejn direzzjoni tax-*showroom* ta' Kinds pero` kien qabel ir-*roundabout* u l-mutur kien qieghed maqbud taht ir-*readymix* u l-kadavru kien jinstab ftit il-boghod mir-*readymix*. Deher illi kien hemm impatt qawwi bejn is-sewwieqa tal-mutur u r-*readymix*. Fil-fehma tax-xhud, u minn dak li kienu qalu xhieda okulari, l-incident sehh meta r-*readymix* kien hiereg minn *side street* ghal fuq Labour Avenue. Il-mutur kien qed jivvjagga fl-istess direzzjoni u b'xi mod inqabad taht ir-*readymix* meta t-tnejn gew biex iduru u jinzlu 'l isfel ghal Labour Avenue. In kontro-ezami stqarret li ma tafx jekk l-imputat ittiehidtx l-isptar bl-ambulanza jew inkella b'xi mezz iehor. Ikkonfermat li kienet kellmitu l-Ghassa fil-prezenza tal-espert Mario

Buttigieg. F'dak l-istadju, ladarba kien gie licenzjat mill-Isptar ma kienitx indagat dwar jekk kienx inghata medicini.

Fl-istess seduta xehed **John Stagno Navarra**, ufficjal ta' Elmo Insurance Limited, li informa li l-vettura ossija *readymix* bin-numru ta' registrazzjoni DAF-300 kienet assikurata mill-1 ta' Mejju 2015 sat-30 t'April 2016 u setghet tinstaq minn sewwieqa b'eta` 'l fuq minn 18-il sena.

Fl-istess seduta xehed **Daniel Cini**, ufficjal ta' Mapfre Middlesea Insurance plc, li kkonferma li fil-5 ta' Jannar 2016, il-jum tal-incident, il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni JBV-308 kien assikurat fuq bazi *fully comprehensive* u seta' jinstaq minn Johanna Boni u Darren Cauchi.

Fl-istess seduta xehed **Stephen Cachia**, rappresentant tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, li spjega li l-vettura ossija mutur bin-numru ta' registrazzjoni JBV-308 huwa tal-ghamla Kawasaki, kulur iswed, registrat fuq Salvatore Boni u ilu hekk registrat mill-5 t'Ottubru 2016. Il-vettura ossija *readymix* bin-numru ta' registrazzjoni DAF-300 huwa tal-ghamla DAF 300 *concrete mixer* ta' kulur abjad u ahmar registrat fuq Anthony Vella ghan-nom ta' P & S Limited u din il-vettura ilha hekk registrata mis-27 ta' Mejju 1996. Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tal-31 t'Awwissu 2017 fejn huwa stqarr li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBT-534 hija tat-tip Mazda Demio u hija registrata fuq Carmel sive Charles Sammut u ilha hekk registrata sa mit-12 t'Awwissu 2015.

Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tal-31 t'Awwissu 2017 fejn huwa stqarr li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBT-534 hija tat-tip Mazda Demio u hija registrata fuq Carmel sive Charles Sammut u ilha hekk registrata sa mit-12 t'Awwissu 2015.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022[11] fejn ghal darb'ohra, ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBT-534 hija tat-tip Mazda Demio ta' lewn abjad u hija registrata fuq Carmel sive Charles Sammut u ilha hekk registrata sa mit-2 t'Awwissu 2015.

Fl-istess seduta xehed **Joseph Zammit**, espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu. L-espert stqarr li l-gabina tat-trakk DAF-300 hija regolari pero` huwa b'sistema *left hand drive*. Il-mirja kienu kollha sewwa u l-kundizzjoni generali tat-trakk kienet wahda tajba. Mill-indagini li kien ghamel, irrizulta li s-sewwieq seta' jara l-gnub tat-trakk sewwa. In kontro-ezami, l-espert spjega li l-ezamijiet li huwa ghamel kienu fuq is-sistema tal-i*steering* u l-*brakes* u nstab li kollox kien qed jahdem tajjeb.

L-espert rega' gie prodott biex jixhed fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2018. Spjega li mill-gharfien tieghu, it-trakk kien jinsab 'l isfel fuq in-naha tax-xellug minn fejn kien tinsab il-katavru b'distanza ta' aktar minn 27 metru bejniethom u l-mutur kien fuq quddiem tat-trakk, bir-rota ta' wara tieghu qieghda thokk mar-rota ta' quddiem tan-naha tax-xellug tat-trakk. Dan kien evidenti mill-grif fil-wicc tat-triq li seta gie kkagunat mill-*foot rest* jew il-*kick starter* tal-mutur. Spjega l-fatt li l-mutur gie mkaxkar ghal distanza kbira fuq it-*tarmac* seta' kellu effett fuq il-*gear lever* u fil-fatt instabet "mghawwga ganc". Il-*gearbox* tal-mutur hija *six piece gear* u bhala fatt, instab ingranat fil-*fifth gear*, li mhux *gear* li wiehed juza biex jaqla' ghax normalment, taqla' fuq is-*second gear* jew almenu t-*third*. In kwantu ta' *indicators*, dawn kienu mitfija u anke` l-magna tal-mutur kienet intfiet ghalkemm l-*ignition key* kienet tidher "*on*". Il-mutur ma kellu l-ebda hsara ghajr ghal tkaxkir u xi tghawwig bhal fil-*gear lever* u fit-tank tal-*petrol*. Rigward it-trakk, spejega li huwa sab li s-sistema tal-*brakes* kienet tahdem kif suppost. Minhabba li t-trakk kien mghobbi bil-konkos meta' sehh l-incident, kien tbattal

[11] Folio *** ta' l-atti processwali.

ghal go trakk iehor. Spjega li meta t-trakk ikun mghobbi jkun hemm izjed *momentum* minhabba l-piz addizzjonali. Spjega ukoll li ghalkemm kien hemm xi *tyres* lejn wara li kienu kemmxejn lixxi, dawn ftit kellhom effett fuq il-*braking* minhabba li t-trakk mghammar b'ghaxar *tyres* b'kollox inkluz erba settijiet ta' *double-wheels* u roti kienu kollha minfuha bl-arja kif suppost. Ikkonkluda li fuq il-lok, ma kienu vizibbli l-ebda *brake marks*, la tat-trakk u lanqas tal-mutur.

L-espert rega xehed fl-10 ta' Marzu 2021, din id-darba in kontro-ezami. Huwa kkonferma li kull fejn fir-rapport tieghu hemm referenza ghax-xellug jew lemin tat-trakk, dan ghandu jitqies bhal li kieku wiehed qieghed fil-kabina u mhux qed ihares lejn it-trakk minn quddiem. Rega' sahaq li l-mirja tat-trakk kienu kollha sewwa filwaqt li spjega li ma kienx ha qies ta' kemm kienet tqila it-taghbija konkos li kellu t-trakk. Meta gie mistoqsi dwar kemm kien jirrikjedi *braking distance* it-trakk mghobbi, l-espert irreitera li s-sistema tal-*brakes* kienet tajba u effikaci u f'dan is-sens, fakkar li fuq il-lok ma kienu nstabu l-ebda *brake marks*. B'referenza ghall-ezamijiet li ghamel, fejn fost affarijiet ohra saq it-trakk bid-dawra lejn il-lemin, eskluda li kien hemm xi *blind spot* inerenti mill-mirja. Rigward it-*tyres* li allegatament kienu lixxi, spjega li d-differenza bejn *tyre* li jkun illixxja u *tyre* gdid hija f'kemm kapaci jgorr piz u in kwantu ta' *braking* f'kundizzjonijiet ta' zlieq. Sahaq li f'dan il-kaz, dawn ma kellhom l-ebda kontribut lejn l-incident.

Fis-seduta tal-31 t'Awwissu 2017 xehed **PS 1362 Jonas Schembri,** stazzjonat fis-Sezzjoni Forensika, li kkonferma li huwa kien inkarigat sabiex jaghmel xoghol ta' fotografija tal-lok tal-incident ghall-iskopijiet tal-Inkjesta. Huwa gibed 72 ritratt li gew uniti fir-relazzjoni illi huwa halef u pprezenta.

Fl-istess seduta xehed **PS 290 Jean Paul Fromosa**, stazzjonat fis-Sezzjoni tat-Traffiku. Fil-5 ta' Jannar 2016, ix-xhud kien xoghol u ghall-habta tat-08:00hrs

inghata struzzjonijiet mill-*control room* sabiex jirrispondi ghal incident li kien sehh Hal Lija hdejn ix-*showroom* ta' Kind's. Meta wasal fuq il-post, waqqaf il-mutur kemmxejn il-boghod mir-*readymix*, li kien wieqaf quddiem ix-*showroom* ta' Paul & Rocco, minhabba li kien hemm bcejjec ta' fdalijiet umani u dmija mxerrdin mal-art. Meta resaq vicin il-vittma, ra li l-wicc kien sfrakassat bl-impatt. Huwa cempel ghall-assistenza sabiex jigi kkontrollat it-traffiku. Kien ghatta lill-vittma b'bicca plastik li giet moghtija lilu minn nies mhux maghrufa u wara ftit tal-hin waslet ambulanza fuq il-post. Eventwalment, ix-xoghol tkompla mill-Pulizija tad-distrett u gew ukoll l-esperti tal-Qorti. Minn naha tieghu, ix-xhud ma setax jaghraf lix-xufier tat-trakk, u cioe` lill-imputat, minhabba li dak il-hin ma kienx kellmu. Ix-xhud stqarr li ghall-bidu ma kienx ra lill-mutur imma biss lill-vittma, u kien biss wara l-hin li ntebah li l-mutur kien effettivament maqbud taht il-gabina tat-trakk, li kien ghadu startjat. In kontro-ezami, ix-xhud iccara li l-irwol tieghu kien aktar ta' immanigjar tat-traffiku milli ta' investigazzjoni. Spjega li sfortunatament, sabha difficli li jikkontrolla t-traffiku ghall-bidu minhabba li l-karozzi baqghu ghaddejin minn ma genb ir-*readymix*.

Fl-istess seduta xehed **PC 1485 Gilbert Zammit**, stazzjonat fl-Ghassa tan-Naxxar. Spjega li dakinhar tal-incident kien xoghol u spjega li hekk kif dahlet l-ordni, huwa irrikorra fuq il-post flimkien ma PS 127 u RWPC 3126. Huwa assista fil-kontroll tat-traffiku lejn in-naha tax-showroom ta' Kind's sabiex iwaqqaf it-traffiku tiela lejn in-Naxxar u ma jiftakar li kien kellem lil hadd in partikolari. Spjega li minn x'hin dahlet it-telefonata mis-Sezzjoni tat-traffiku, l-aktar li damu sabiex jirrikorru fuq il-post il-Pulizija tad-distrett kienu zewg minuti minhabba li m'hemmx boghod mill-Ghassa tan-Naxxar. In kontro-ezami qabbel li sa x'hin beda jikkontrolla t-traffiku hu, kien hemm xi karozza li bdew ghaddejjin minn fejn il-lok tal-incident. Kien hemm xi traffiku minhabba li kienet gurnata tax-xoghol u kien filghodu.

Fl-istess seduta xehdet **RWPC 3126 Silvana Bellia**, gia` stazzjonata fl-Ghassa tan-Naxxar. Hija irrikorriet fuq il-post flimkien mal-kollegi taghha mill-Ghassa tan-Naxxar. Kif waslet fuq il-post rat tila tal-*billboards* mal-art u immedjatament involviet ruhha fil-kontroll tat-traffiku sabiex twaqqaf il-karozzi li gejjin minn Labour Avenue u tiddiregihom lejn il-*by-pass* tal-Mosta. Skont hi, biex nizlu mill-Ghassa, l-aktar li damu kienu hames minuti. In kontro-ezami spjegat li x'hin waslet hi, diga` kien qed isir kontroll tat-traffiku minn ufficjali tas-Sezzjoni tat-Traffiku u kien hemm anke` xi *police tape*. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ikkonfermat illi kien uzaw is-sirena tal-karozza sabiex waslu kemm jista' jkun malajr minhabba li kien hemm xi traffiku f'dak il-hin.

Fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2017 xehed **il-PL Mario Buttigieg**, espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, li kkonferma r-relazzjoni tieghu bil-gurament. Fil-fehma tal-espert, l-imputat Carmel Cauchi waqaf fuq l-i*stop sign* u hekk kif kien qed johrog, giet il-vittma minn warajh, ghamlet *overtaking* fuq ix- xellug u kif kienet ezatt ha imur biex tikser lejn in-naha tal- lemin biex tinzel lejn ix-*showroom* ta' Kind's, hemmhekk sehh l-incident. L-espert irrefera ghax-xhieda li ta l-Perit Stuart Azzopardi, xhud okulari, fejn dan ikkonferma li l-vittma kienet qalghet minn naha tax-xellug. Fil-fehma tieghu din il-verzjoni hija sostnuta mid-dinamika tal-incident kif konstatata minn dak li nstab fuq il-post. L-espert stqarr illi huwa kien ikkonkluda li ghandhom jinhargu akkuzi kriminali kontra Carmel Cauchi fuq nuqqas ta' *proper lookout* u dan ghaliex huwa bilfors kien ra lill-vittma mill-mirja tat-trakk. Mir-rizultanzi tal-investigazzjoni, jidher li l-mutur dam jitkaxkar ghal 28.8 metri taht it-trakk. Rigward il-lok tal-incident, l-espert spjega li t-triq hija T-junction u hija traffikuza hafna. Hija ukoll wiesa cirka 8 metri u tippermetti li jghaddu l-karozzi miz-zewg nahat.

L-espert rega' gie prodott fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2017. Spjega li biex wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, huwa strah kemm fuq il-verzjonijiet ta' xhieda kif ukoll fuq rizultanzi apparenti fuq il-post tal-incident. Huwa ikkonkluda li l-mutur hareg minn naha tax-xellug, kif ezatt hareg it-trakk, qabdu u dahal taht it-trakk, tant li l-mutur spicca fuq in-naha tal-lemin tat-trakk. Eskluda ukoll li l-impatt sar *front to rear* ghax li kieku, il-mutur kien jinqasam minn nofs u f'dan il-kaz, il-mutur kull ma kellu kien xi slieh.

L-espert gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021. Huwa ccara li l-vetturi kien 'l fuq sewwa miz-*zebra crossing* li kien hemm qabel tigi mar-*roundabout* ta' hdejn Kind's.

Fl-istess seduta xehed **Mario Dingli**. Meta sehh l-incident, ix-xhud kien ghaddej mit-triq u meta ra li kien gara xi haga, waqaf sabiex jara jekk kienx involut xi hadd li jafu, minhabba li kien midhla sew tal-muturi. Innota li l-mutur kien taht in-naha ta' quddiem tat-trakk fin-nofs. Seta jinnota ukoll li l-mutur kien ghandu ingranat fuq il-*first gear*. Fi kliemu, kien hemm "perit" li kien qabad il-*gear leaver* tal-mutur u beda jibdel il-*gears* tal-mutur mill-posizzjoni originali. Meta sehh dan, ix-xhud kien madwar 4 jew 5 metri 'l boghod mill-mutur. In kontro-ezami stqarr li meta waqaf jara x'kien gara, it-triq kienet diga` maghluqa mill-Pulizija. Dam fuq il-post ghal madwar tlett sieghat biex jghin f'kaz li tinqala' l-htiega u ma jiftakarx li xi hadd kien kellmu fuq il-lok tal-incident. In kontro-ezami stqarr li jahseb li meta wasal fuq il-post, l-incident kien ilu li sehh bejn 15-il u 20 minuta. Kien hemm diversi persuni li baqghu fuq il-post imma dawk li kienu mil-linja tal-*police tape* 'il gewwa kienu ufficjali u esperti tal-Qorti. Huwa ra lill-"perit" ibiddel il-*gears* tal-mutur wara li dan kien inqala' minn taht it-trakk u kien ser jisserrah ma hajt. Iccara li baqa'

jiftakar din il-kwistjoni tal-*gears* minhabba li raha stramba, ghalkemm ma kienx jaf x'kienu l-konkluzjonijiet tal-esperti dwar il-*gears*.

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2017 xehed **Anthony Vella**, is-sid tar-*readymix* DAF-300. Huwa spjega li ma kellu l-ebda involviment fl-incident u meta gie mistoqsi dwar jekk dan ir-*readymix* kellux *tyres* lixxi, wiegeb li kien kollox kien sewwa biex jghaddi mit-*test*. Minn dak li kien qallu l-imputat, ir-*readymix* kien mghobbi meta sehh l-incident.

Fl-istess seduta xehdet **it-Tabib Dr Angele Sammut**, adetta fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, li gharfet u kkonfermat ic-certifikat rilaxxjat minnha, fejn hija ccertifikat lill-vittma Johanna Boni minghajr sinjali ta' hajja.

Fl-istess seduta xehed **PS 1270 Antoine Zammit**, stazzjonat fl-Ghassa tan-Naxxar. Ix-xhud irrisponda ghar-rapport dwar l-incident odjern u meta wasal fuq il-lok, sab li t-trakk DAF-300 kien ghadu startjat u kien hemm ticpis tad-demm man-naha tal-lemin tieghu u anke` ticpis tad-demm mat-triq lejn salib it-toroq. Ix-xhud kien kellem lis-sewwieq tat-trakk, u cioe` l-imputat, li vizibbilment kellu xokk. F'dak il-hin, l-imputat kien stqarr li kien wieqaf biex jigi ghall-i*stop sign* u kien hemm tlett karozzi qablu. Kif kien clear ghalih li johrog, qala' u beda niezel lejn ix-showroom ta' Kind's. F'daqqa wahda sema hoss, li haseb li kien xi hsara, izda meta hares lejn il-mera, ra li kien hemm persuna mtajjra mal-art. Fuq il-post, ix-xhud tkellem ukoll ma certu Steward Azzopardi li kien tiela lejn in-Naxxar, ra trakk gej minn naha opposta u mutur ma quddiemu. Ra li l-mutur dahal taht it-trakk bis-sewwieq b'kollox. Skont ix-xhud, bejn fejn instabet u l-vittma u fejn kien wieqaf it-trakk, kien hemm bejn 10 u 15 metri. In kontro-ezami iccara li t-ticpis tad-demm kien man-naha tal-lemin tat-trakk innifsu u mhux jekk thares lejh minn quddiem.

Fl-istess seduta xehed **il-Perit Stuart Azzopardi**, xhud okulari tal-incident. Huwa kien qed isuq lejn in-Naxxar u quddiemu kien hemm karozza griza zghira. Hu ra t-trakk jaqla' bil-mod mit-triq tal-genb. Skont hu, it-trakk kien jidher mghobbi. Is-sewwieq kien qed ihares lejn ix-xellug u t-trakk kien *left hand drive*. Meta t-trakk kien qisu nofsu hiereg, f'daqqa wahda deher mutur, harget qisha minn magenbu u nqabdet saqajha mal-ewwel rota tal-lemin. Imbaghad kif it-trakk baqa' jdur biex jigi fil-karreggjata tieghu, il-vittma inqabdet taht id-*double wheel* ta' wara ukoll. Skont ix-xhud, is-sewwieq tat-trakk "*couldn't have done anything*" minhabba li l-kabina hija gholja u hu qatt ma setgha jaraha u b'dak il-piz, it-trakk ma kienx ihossha. Ix-xhud waqaf fuq il-post u ghen sabiex il-vittma tigi mghottija b'bicca incirata li giet provduta minn vann li kien waqaf ukoll biex jara x'gara. Jahseb li dakinhar kienet niezla x-xita. Kompla jiccara li l-mutur qatt ma habat mat-trakk, ghax kieku kien itir, imma inqabad tahtu. Ix-xhud spjega li meta hareg mit-trakk, is-sewwieq ra x'kien gara u beda jghatti wiccu bix-xokk. Iccara li huwa ma jafx jekk ix-xufier tat-trakk waqafx ghax induna li kien hemm xi impatt jew inkella hux minhabba li x-xhud beda jdoqq il-*horn*.

Fl-istess seduta xehed **Paul Abela**, li ukoll kien xhud okulari tal-incident. Huwa ukoll kien qed isuq lejn in-Naxxar u ra t-trakk hiereg bil-mutur miexi fuq il-lemin tieghu u l-incident sehh ftit tal-hin wara. Fil-fehma tax-xhud, il-mutur u t-trakk kienu qalghu f'daqqa minn fuq l-*istop sign* izda l-mutur qala' lit-trakk minhabba li huwa aktar veloci. Imbaghad it-trakk qabad lill-mutur bin-naha tal-lemin tal-*bumper* tieghu. Lis-sewwieq tal-mutur raha tidgerbeb mal-art "qisha borza taz-zibel" filwaqt li l-mutur baqa' jitkaxkar taht it-trakk. Ix-xhud flimkien ma ragel iehor li waqaf u pulizija ghattew lill-vittma b'bicca incirata tal-*billboards*. Ix-xhud stqarr li jiftakar li s-sewwieq tat-trakk, u cioe` l-imputat, kien emozzjonat hafna u beda jghid li haseb li gralu l-hsara u beda jghid ukoll li "ma rajtiex" u jirreferi ghall-fatt li kien qed isuq fuq in-naha l-ohra. Iccara li

minkejja li baqa' fuq il-post tal-incident ghal tul ta' hin konsiderevoli, il-Pulizija ma kellmuhx.

Fis-seduta tat-18 ta' Dicembru 2017 xehed **il-Perit Mario Cassar**, espert tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti. L-inkarigu tieghu kien li jaccedi fuq il-post u jaghmel pjanta fejn turi d-dinamika tal-incident. Fil-fatt mar fuq il-post fid-09:30hrs. F'dak il-hin, il-vittma kienet diga` mehuda minn fuq il-post. Huwa qeda l-inkarigu tieghu fejn ghamel pjanta tal-lok u gibed xi ritratti. Fil-pjanta tieghu wasal biex immarka probable *point of contact* li wasal ghaliha mill-fatt li kien hemm marki ta' grif friski fit-*tarmac*.

Il-Perit Cassar rega' xehed fis-seduta tal-5 ta' Frar 2018 fejn huwa spjega li l-post fejn kien wieqaf it-trakk bil-mutur tahtu kien 23.8m il-boghod mill-probable *point of contact*. Kompla jispjega li fil-jum tal-incident it-temp kien tajjeb, wicc it-triq kien niexef u ma kienx hemm xi difetti partikolari fil-wicc tat-triq.

Fis-sedutat tat-18 ta' Dicembru 2017 xehed ukoll **Dr Sarfraz Ali**, espert mediku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jikkoduci l-ezami post mortem fuq il-vittma. Huwa xehed bl-ilsien Ingliz u kkonferma li l-kawza tal-mewt tal-vittma Johanna Boni kienet dovuta ghal diversi griehi estensivi rizultanti minn incident awtomobilistiku. Il-griehi kienu ta' natura gravissima. Mill-ezamijiet li saru, ma rrizultax li l-vittma kellha xi mard jew debilita` antecedenti.

Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2018 xehed **Dr Mario Scerri**, espert mediku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti. Huwa acceda fuq il-lok tal-incident. Assista ukoll fl-ezamijiet fuq il-kadavru fejn il-vittma Johanna Boni giet identifikata permezz ta' *tattoo* li kellha identika bhal ommha u permezz ta' *buccal swab*. Ix-xhud stqarr li fuq il-post, kien ta parir li jsir test ta' breathylizer lis-sewwieq tat-trakk izda

ma kienx jaf jekk dan effettivament sarx. Dan apparti, ma kellu l-ebda involviment iehor fejn jidhol l-imputat.

Fl-istess seduta xehdet **it-Tabiba Dr Jennifer Sultana**, adetta fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Hija gharfet u kkonfermat id-dikument ezebit a Fol 204 tal-atti processwali, li huwa *patient's certificate form.* Dan id-dokument kien gie redatt wara li x-xhud invistat lill-imputat u osservat li kien qed jbati minn anzjeta` minhabba li allegatament kien involut f'incident tat-traffiku, xi haga li fil-fehma tax-xhud, hija komuni hafna f'dawn it-tip ta' kazijiet. Hija xi haga komuni hafna. Ix-xhud eskludiet li kienu saru testijiet ghall-alkohol u dan minhabba li ma kienx hemm suspett li kien hemm intossikazzjoni. Mill-bqija, fil-mument tal-ezami kienet strahet fuq it-twegibiet tal-imputat ghad-domandi taghha rigward *medical history*.

Fis-seduta tas-17 t'Ottubru 2018 xehed **Reno Bugeja**, rapprezentant ta' PBS Limited, li ezebixxa kopja ta' filmat tar-rapportagg tal-incident *de quo* fl-ahbarjiet.

Fl-istess seduta xehed **Matthew Xuereb**, rapprezentant ta' Allied Newspapaers Limited, li ezebixxa ghadd ta' ritatti li ttiehdu mill-fotografu tal-gurnal Times of Malta sabiex jintuzaw fir-rappurtagg tal-incident *de quo*.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018 xehed John Sacco, espert mahtur mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu, kontenenti *stills* mehuda mill-filmat sottomess minn PBS Limited.

Fis-seduta tal-20 ta' Jannar xehed **Salvatore Boni**, missier il-vittma. Huwa spjega li minn naha tieghu, kien ipprezenta xi ritratti li jindikaw li l-*indicator* tal-lemin tal-mutur kien ghadu qed iteptep wara l-incident, fatt li gie negat mill-

espert Joseph Zammit. Gie ccarat illi x-xhud ma rax dawn l-affarijiet fuq il-lok tal-incident izda strah biss fuq dak li ra fir-ritratti.

Fl-istess seduta xehdet **Josephine Boni,** omm il-vittma. Hija accennat dwar il-fatt li kienet ipprezentat il-*backpack* li kienet liebsa bintha meta sehh l-incident lill-Qorti u skont ix-xhud, mill-fatt li l-*backpack* huwa intatt, huwa dezumibbli li ma kienx hemm tkaxkir waqt l-incident.

**L-Ispettur Roderick Spiteri**, stazzjonat fl-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar, xehed in kontro-ezami fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020. Huwa spjega li meta sehh l-incident ma kienx xoghol u allura l-kaz kien gie investigat mill-Ispettur Sandra Zammit. Qabel li meta sehh l-incident il-lok ma kienx kif inhu llum, fis-sena li ma kienx hemm r*oundabout*. Eskluda li kien ircieva rapport jew li hareg akkuzi dwar gurament falz in konnessjoni mal-kaz odjern. B'referenza ghax-xhieda tal-Perit Stuart Azzopardi, ix-xhud spjega illi aktar milli kaz ta' wihed jibdel il-verzjoni, kien aktar kaz ta' xhieda differenti ma jaqblux fil-verzjonijiet.

**L-ispettur Sandra Zammit** xehdet in kontro-ezami fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020. Mistosqija jekk riskontratx nuqqasijiet fil-procedura tal-immanigjar tas-sit tal-incident meta waslet fuq il-post, ix-xhud stqarret li le u li kieku dan kien il-kaz, kienet tinforma lill-Magistrat Inkwirenti. Qablet li kienet tat struzzjonijiet li sakemm jaslu l-esperti tal-Qorti, ma jintmess xejn u baqghet fuq il-post sakemm l-esperti kienu lestew xgholhom, tnehha l-kadavru tal-vittma u t-triq reghat infethet ghat-traffiku.

Fl-istess seduta xehdet ukoll **Dr Anthea Galea**, ufficjal tal-Agenzija Infrastructure Malta. Hija ezebiet pjanta li turi z-zona tal-incident kif kienet qabel ma saru xi xoghlijiet li bidlu l-konfigurazzjoni tat-triq, liema progett tlesta lejn l-ahhar ta' Settembru 2019.

**Il-Perit David Vassallo**, ufficjal tal-Agenzija Infrastructure Malta xehed fis-seduti tat-22 t'Ottubru 2020 u l-11 ta' Jannar 2021. Huwa spjega li l-progett ta' twessiegh fit-triq in kwistjoni kien kopert bil-permess numru PA/1132/17. Huwa pprezenta ghadd ta' pjanti li juri l-lok kemm qabel kif ukoll wara l-incident. In succint, spjega li l-bidliet li saru kienu sabiex it-triq tinbidel minn *T-Junction* ghal *Roundabout Junction*. Fis-sena 2016, meta sehh l-incident, biex vettura gejja minn Vjal il-Qalbiena Mostin tmur hdejn Kind's, riedet tasal sal-*istop sign* u iddur lejn il-lemin. Jekk riedet titla' hdejn il-Knisja tan-Naxxar, riedet taqla' fuq ix-xellug.

Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2021 xehdet **Ritienne Sultana Grech**, ufficjal tad-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole*, li halfet u pprezentat *social inquiry report relattiv ghall-imputat.*[12] In succint spjegat li l-imputat gew minn sfond socjali u personali stabbli, fejn qatt ma kien xellef difru mal-ligi. Spjegat ukoll li huwa bata psikologikament bhala rizultat tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri u ddispjacut hafna ghal mewt tal-vittma. In segwitu ta' din ix-xhieda giet prezentata nota mill-ufficjal tal-Probation[13]. Permezz ta' din in-nota l-ufficjal tal-Probation ikkonfermat li kienet tkellmet mal-genituri tal-vittma li spjegaw kemm il-mewt ta' binthom affettwahom b'mod negattiv hafna u sahansitra s-Sur Boni kellu jieqaf mix-xoghol kawza tad-dipressjoni li qabditu. Illi dan gie ikkonfermat meta regghet xehdet nhar it-12 ta' April 2022.[14]

Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022 xehet l-espert **Prof. Marie Therese Camilleri**[15] li halfet u pprezentat ir-relazzjoni taghha dwar l-ezami *post-mortem* fuq il-kadavru tal-vittma Joanna Boni.

[12] Dok RSG1, Folio 315-339 ta' l-atti processwali
[13] Folio 346 ta' l-atti processwali
[14] Folio 359-360 ta' l-atti processwali
[15] Folio 394-395 ta' l-atti processwali.

**Access**

Illi l-Qorti zammet ukoll access fi Vjal il-Labour crossroad ma Triq Frangisku Pisani, In-Naxxar, u cioe` il-lok tal-incident *de quo*, nhar id-9 ta' Gunju 2022 bejn is-18:20hrs u s-19:30hrs. Prezenti kien hemm l-Ispettur Rodrick Spiteri, l-Ispettur Sandra Zammit, l-imputat assistit minn Dr Arthur Azzopardi, Dr Jacob Magri u Dr Alessia Zammit Mc Keon, il-*parte civile* konjugi Boni assistiti minn Dr Michael Scricha u Dr Lucio Schricha u l-esperti Joseph Zammit u l-PL Mario Buttigieg. Fuq il-post ingiebu t-trakk u l-mutur in kwistjoni.

L-Ispettur Sandra Zammit indikat in-naha tat-triq fejn meta waslet fuq il-post, kienet rat it-trakk tar-Readymix. Skont ma fehmet hi, dan kien gej minn Triq Frangisku Pisani u l-mutur kien mal-genb tat-triq. Il-vitma kienet qisha x'imkien bejn l-ewwel u l-ahhar tar-rota u jidher illi l-katavru kien inqabad bejn ir-rota.

L-espert Joseph Zammit jiftakar li t-trakk kien wieqaf ezatt fejn illum hemm ix-*showroom* ta' George & Rocco u li l-mutur kien jidher taht it-trakk. Fuq wicc it-tarmac kien hemm sinjal imhaffer ta' xi 27 metru. Fil-fehma tieghu, dan it-thaffir kien sar meta l-mutur gie mkaxkar mal-art taht it-trakk. Huwa kien qala' l-mutur minn taht it-trakk bl-ghajnuna ta' terzi u kkonstata li l-mutur kellu hsarat konsistenti ma tkaxkir fuq il-gnub tieghu – l-aktar fuq in-naha tax-xellug. Jghid li meta ezamina l-mutur mill-lat ta' tyres, roti, brakes, kollox deher li kien jiffunzjona tajjeb. Fuq mistoqsija tal-*parte civile,* ikkonferma li kien hemm brix fuq in-naha tal-lemin tal-mutur ukoll u tatin fuq in-naha tax-xellug. Eskluda li kien ra xi bozza tal-*indicator* tal-mutur itteptep meta wasal hu fuq il-post.

L-espert Mario Buttigieg ikkonferma dak kollu spjegat minn Joseph Zammit.

Waqt l-access, il-mutur twieghed taht it-trakk bl-ahjar rikostruzzjoni possibbli biex naraw kif il-mutur kien mat-trakk.

L-espert Joseph Zammit irrimarka li fil-fatt it-trakk kellu *rear view mirror* u ohra biex jara l-genb sa wara.  F'dan il-punt, saret referenza ghar-ritratti 166 ritratt 119 u 120 ezebiti a Fol 166 ritratt tal-atti tal-inkjesta *in genere* relattiva.

Gie indikat li t-trakk huwa left hand drive u li skont ix-xhieda tal-Perit Stewart Azzopardi, il-mutur kien gej minn naha tax-xellug tat-Trakk. Gie indikat ukoll li meta sehh l-indicent, it-trakk kien mghobbi bi vjagg konkos.

L-espert Mario Buttigieg irrimarka li fuq in-naha tax-xufier, kien hemm mera anqas (zewg mirja) meta mqabbel man-naha tal-passiggier (tlett mirja) u spjega li li kieku kien hemm din il-mera addizzjonali fuq in-naha tax-xufier (left hand drive) kien forsi jkun aktar facli ghall-imputat li jara l-vittma gejja minn taht. Madankollu, afferma li bil-mod kif hu jahseb li gara l-accident, fejn iz-zewg vetturi qalghu minn fuq l-istess stop sign, li anke li kieku kellu l-mera addizzjonali u seta' jara lill-vittma sew, kien ser ikun difficli ghall-imputat biex jevitaha ghax skont hu, qasmitlu "*from left to right*". Buttigieg sahaq ukoll li kien anke` wara li kien sehh l-impatt u l-mutur kien qed jitkaxkar taht it-trakk, kien immensament difficli ghall-imputat li jinduna b'li kien gara u dan kemm minhabba l-istorbju tal-magna u tal-apparat tal-konkos kif ukoll minhabba lil komprat mal-piz tat-trakk mghobbi, il-piz u rezistenza li seta' joffri l-mutur kienet negligibbli.

L-espert Joseph Zammit spjega li fil-fehma tieghu, il-hsarat fil-mutur saret aktar permezz ta' tkaxkif milli mill-impatt inizzjali u ma kienx f'pozizzjoni li jikkonferma jew jinnega jekk il-mutur kienx tragitta *from left to right*. Madankollu, indika li t-tkaxkir l-aktar li kien fuq in-naha tax-xellug tal-mutur u tghattin kien fuq in-naha tal-lemin, senjatament mat-tank tal-*fuel* tieghu. L-espert irrimarka ukoll li minn meta kien ghamel il-kostatazzjonijiet originali tieghu, jidher li kienu saru xi interventi ta' tiswija fuq il-mutur.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi l-imputat principalment tressaq talli b'nuqqas ta' hsieb, bi trakskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta' Joanna Boni ai termini ta' l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Gie akkuzat ukoll talli b'nuqqas ta' hsieb, bi trakskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qed issuq vettura ikkaguna hsara jew gharraq xi haga u cioe l-mutur ta' Joanna Boni fejn minhabba f'hekk sehh il-mewt taghha u dan bi ksur ta' l-artikolu 328(a) tal-Kodici Kriminali. Finalment gie akkuzat ukoll tali saq b'manjiera traskurata u perikoluza u dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a)u(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali jghid:

*(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)*

Illi l-artikolu 328(a) tal-Kodici Kriminali jghid:

*Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqasta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jewjgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jeħel, metajinsab ħati -(a) jekk minħabba f'hekk tiġri l-mewt ta' persuna, il-pienastabbilita fl-artikolu 225;*

L-artikolu 15(1)(a)(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*(1) Kull min –*
*(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajrliċenza tas-sewqan jewvettura bil-mutur jew vetturaoħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta'kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda matkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew*
*(b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-muturjew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra,*
*ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multata' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena.*

Il-Qorti tibda biex tikkwota mill-Awtur **Mario Codagnone** mill-ktieb tieghu **"Casi Pratici in Materia di Circolazione Stradali"** fejn f'pagna 51 jghid:

*"Riteniamo che allo stato attuale delle cose, si imponga anzi tutto un affermazione di principio: la strada e' di tutti. Essa e' un bene alcui utenza i cittadini tutti sono ammessi con parita' di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parti di coloro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinziche caratteristiche di velocita' e potenza, possono costituire, anche solo per questo, un imminente pericolo per la circolazione."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Archbold** fil-ktieb **"Criminal Pleading Evidence and Practice**" fejn intqal

*"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to*

*recklessness . . . probably, of all the epithets that can be applied, reckless most nearly covers the case . . . . but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment.."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-ktieb **Blackstone's Criminal Practice**[16] fejn intqal:

*"It should be noted that danger to the person is not qualified by any adjective and therefore, as long as it is not de minimis, any danger to any person, even though slight, if obvious to the 'competent and careful' driver, would suffice. In **Hennigan** [1971] 3 All ER 133, a case of causing death by reckless driving under the TRA 1960, the recklessness consisted mainly of the speed at which the defendant was driving; the driver of the other car, which contained the two persons who were killed, may well have been substantially to blame for the accident. The court held that there was nothing in the legislation which required the manner of the accused's driving to be a substantial or a major cause of the accident, as long as it was 'a cause and something more than de minimis.' Similarly, it was said in **Skelton** [1995] Crim LR 635 that no particular degree of contribution to the death, beyond a negligible one, is required. An acceptable direction to the jury is that they do not have to be sure that the defendant's driving 'was the principal, or a substantial, cause of the death, as long as [they] are sure that it was a cause and that there was something more than a slight or a trifling link' (**Kimsey**) [1996] Crim LR 35).*

[16] 2006

*The standard of driving must fall 'far below' that expected of a 'competent and careful' driver and it must be obvious to a 'competent and careful' driver that the manner of driving is dangerous."*

Dwar l-elementi mehtiega tas-sewqan traskurat il-Qorti tal-Appell tar-Renju Unit, fil-kaz **Knight** sostniet:

*"driving in such a manner as to create an obvious and serious risk of causing physical harm to some other person who might happen to be using the road, or doing substantial damage to property' and 'that in driving in that manner [the defendant] did so without having given any thought to the possibility of there being any such risk, or having recognised that there was some risk involved, had nonetheless gone on to take it."*

Fil-ligi nostrana dan l-ezami dwar il-mens rea gie indirizzat fil-kawza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**[17] fejn inghad:

*"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attività diretta għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippreġudikati linteressi ta' terzi. ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża, derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili:*

*L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma' jieħu l-opportuni kawteli;*

*In-negliġenza tiġi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent filkondotta tiegħu;*

[17] Deciza nhar il-31 ta' Lulju 1998, Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Patrick Vella

*L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa profesjonali, cjoe', kif jgħid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tenur conto":*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll għal non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bħal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi ċjoe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni…"*

In fatti f'dawn it-tip ta reati mhuwiex il-mens rea per se fir-rigward l-intenzjoni li jikkaguna r-reat li rrid jigi ezaminat u dan ghaliex it-test li ghandu jigi adattat huwa test oggettiv u mhux suggettiv kif gie ritenut fil-kaz **Loukes** [1996] 1 Cr App R 444 fejn il-Qorti ta' l-Appell sostniet:

*"Proof of guilt depends on an objective standard of driving, namely, what would have been obvious to a competent and careful driver. The accused's driver's state of mind is relevant only if and to the extent that it attributes additional knowledge to the notional competent and careful driver…It should be noted too that the threshold of proof is high. It must be shown that the defect was 'obvious' to a 'competent and careful driver'. It is not enough to show in the case of such a driver that, say, if he had examined the vehicle by going underneath it, he would have seen the defect."*

Filwaqt li l-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini 'nuqqas ta' hsieb' u 'traskuragni' fil-ligi nostrana, il-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija fic-cirkostanzi partikolari.

Dawn il-principju gew stabilliti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**[18] fejn gie ritenut:

*"Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 (illum 225) tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew ta' ħila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawżalità minn event dannuż involontarju.*

*Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta, ċioè illi fil-każ konkret kienet tiġi użata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilità normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret."*[19]

Dan il-principju gie kkonfermat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Richard Grech**[20] li ghamlet referenza ghas-sentenza hawn fuq imsemmija u zdiedet tghid:

*"Biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. Lesperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - ċjoè, l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attività partikolari - tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi ta' l-oħrajn jiġu ppreġudikati;*

[18] Qorti Kriminali, Deciza 4 ta' Frar 1961
[19] Volum 45, Parti Nru 4, Pagna 870, 903
[20] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Dr. Vincent DeGaetano; Deciza 21 ta' Marzu 1996

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċertu non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pożittiva indiretta."*

Il-**Professur Anthony Mamo** fin-noti tieghu izzid jghid:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "**possibility** of foreseeing the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable."*

[enfasi tal-Qorti]

Issir refernza wkoll ghal-gurista **Francesco Carrara** li jispjega *"Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*

**Antolisei,** fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale (Parte Generale), jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

*"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse*

*il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'"*

Fir-rigward tal-livell ta' diligenza li l-ligi tesigi li tigi adoperata, il-Professur Mamo jghid:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonsable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of 'an ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence" it has been said "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would do"*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[21] dwar it-tifsiriet u l-elementi li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan.

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] talimsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla ssitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997

*probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, ssewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain19,).*"

Ghar-rigward x'ghandu jigi ikkonsidrat bhala *"a proper lookout"* gie ritenut mill-Qrati Taghna li *"Hu dover ta' "driver to see what is in plain view"* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella**" - [10.8.1963] ) u li *"min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. J.M. Laferla**" [17.6.1961] ) fejn gie ritenut

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*" u isser referenza ghal-kaz "**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd**." [1968].

Ghalhekk jirrizulta li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma

jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort uniku ta' terza persuna. (Ara Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri**" [16.3.1961]; "**Il-Pulizija vs. John Polidano**" [3.11.1963] "**Il-Pulizija vs. Rev.C.Mifsud**" (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.).

Fi kliem iehor, il-"*contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo**", [Kollez.Vol.XXXVII, iv.p.883]).

Imbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-parte civile, dan jista' biss, ghal massimu, iservi ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar. (ara **Il-Pulizija vs Mariano D'Amato** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Mejju 2015).

Il-Qorti taghmel referenza ghal **Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2021** gie ritenut li l-principju ta' jikostittwixxi bhala *recklessness* fis-sewqan huwa s-segwenti:[22]

*In G., above, it was held that a person acts recklessly with respect to –*
*(a) a circumstance when he is aware of a risk that it exists or will exist, and*
*(b) a result when he is aware of a risk that it will occur, and it is in the circumstances known to him, unreasonable to take the risk.*
*Caldwell, above, should not be followed because:*
*(1) it was a salutary principle that conviction of serious crime should depend on proof not simply that the defendant caused, by act or omission, an injurious result to another but that his state of mind when so acting was culpable; whilst the most obvious culpable state of mind was an intention to cause an injurious result, knowing disregard of an appreciated and unacceptable risk of causing an injurious result or a deliberate closing*

[22] 17-50, Page 2167

*of the mind to such a risk would be readily accepted as culpable also; but it was not clearly blameworthy to do something involving a risk of injury to another if, for reasons other than self-induced intoxication, one genuinely did not perceive the risk;*
*(2) the Caldwell formulation was capable of leading to injustice;*
*(3) the criticism by academics, judges and practitioners of Caldwell was not to be ignored; and,*
*(4) it was clear that the majority's interpretation of "reckless" in Caldwell had been a misinterpretation of Parliament's intention which had been to leave the essential law unchanged, whilst doing away with the outmoded and misleading use of the word "maliciously".*

Fl-istess **Archbold 2021** gie ritenuto li meta ghandu jigi ikkunsidrat jekk kienx hemm traskuragni:[23]

*The standard of due care and attention is an objective one, fixed and impersonal, governed by the essential needs of the public, fixed in relation to the safety of other users of the highway:* ***McCrone v Riding*** *[1938] 1 All E.R. 157, DC ;* ***Taylor v Rogers*** *[1960] Crim.L.R. 270, DC .*

*Whether a person was driving carelessly raises only a question of fact. If the defendant was not exercising the degree of care and attention that a reasonable, competent and prudent driver would exercise in the circumstances, he should be convicted. If the circumstances show that his conduct was not inconsistent with that of a reasonably prudent driver he should be acquitted. It is undesirable to complicate these cases by considering whether or not there has been an "error of judgment":*

[23] 32-54, Folio 3263

***Simpson v Peat** [1952] 2 Q.B. 24, DC . The condition of the driver, although relevant and admissible, does not of itself prove that the driving was careless, because it does not determine whether the way in which he drove was careless:*
***Jones (Adrian) v CPS** [2019] EWHC 2826 (Admin); [2020] 1 W.L.R. 99 , following Webster (see § 32-18).*
*Failure to exercise due care and attention may be a deliberate act: Taylor v Rogers, above (overtaking on a curve).*
*As to subs.(3) of the new s.3ZA , and the need to take account of circumstances within the knowledge of the accused, see **DPP v Milton and Bannister**, § 32-14.*

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Sandra Zammit irrizulta li nhar il-5 ta' Jannar 2016 gewwa Labour Avenue, Naxxar sehh incident tat-traffiku fejn kienet tilfet hajjitha Joanna Boni. Meta l-Ispettur marret fuq il-post sabet *readymix* bin-numru tar-registrazzjoni DAF 300 kif ukoll mutur bin-numru tar-registrazzjoni JBV 308 fejn ftit il-boghod kien hemm ukoll il-katavru tal-vittma. Illi dan huwa kollu kkonferma mill-istess rapport ta' l-Ispettur fl-inkjesta magisterjali.[24] Meta l-Ispettur attendiet fuq ix-xena tal-post sabiex ir-*readymix* thares lejn id-direzzjoni tal-*showroom* tad-ditta Kind's u l-mutur maqbud taht l-istess *readymix* u l-katavru ftit il-boghod mill-istess *ready mix*.

In kontro ezami x-xhud kkonfermat li x-xena ta' l-incident gie ppreservat sakemm gew l-espert jespletaw l-inkarigu taghhom u li hadd ma mess xejn, lanqas it-trakk, il-mutur jew id-debris.

[24] Folio 14 ta' l-inkjesta magisterjali

Illi dawn il-fatti gew wkoll ikorroborat mix-xhieda ta' ta' PS290 Jan Paul Formosa[25] li ddeskriva fid-dettal ix-xena ta' l-incident u kkonferma li ra l-mutur taht it-trakk, PC 1485 Gilbert Zammit[26] u RWPC 3126 Silvana Bellia[27] li kienu prezenti u kkonfermaw in kontro ezami li sakemm ma wasslu fuq ix-xena ta' l-incident il-karozzi baqghu ghadejjin.

PS 1270 Antoine Zammit jikkonferma fix-xhieda tieghu li meta kien kellem lil Perit Steward Azzopardi li inserta ghaddej u spjegalu l-incident ma qallux min liema direzzjoni kien gej il-mutur. L-istess xhud esebixxa w kkoferma l-okkorenza maghmula minnu li ggib in-numru ta' referenza NPS 8/S/22/2016.[28]

Sussegwentement PS 1362 Jonas Schembri[29] li kien prezenti fuq ix-xena ta' l-incident li ha ritratti fuq il-post.[30]

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Rodrick Spiteri[31] irrizulta li filwaqt li ma kienx l-ufficjal investigattiv tal-kaz seta jirraporta li fil-post fejn sar l-incident kien hemm *intersection* qabel ma nbiddlet u saret *roundabout.*

Mix-xhieda ta' Mario Dingli[32] rrizulta li l-incident sehh quddiem *showroom,* fi Triq Labour Avenue, Naxxar u kien prezenti meta hargu l-mutur minn taht it-trakk minn naha ta' quddiem fin-nofs u ra li kien fuq l-ewwel ger.

[25] Folio 45-50 ta' l-atti processwali
[26] Folio 51-54 ta' l-atti processwali
[27] Folio 55-58 ta' l-atti processwali
[28] Folio 93-100 ta' l-atti processwali
[29] Folio 42-43 ta' l-atti processwali
[30] Dok MX1, Folio 167 ta' l-atti processwali, Folio 162-166 ta' l-inkjesta magisterjali
[31] Folio 218-228 ta' l-atti processwali
[32] Folio 68-75 ta' l-atti processwali u folio 233 ta' l-inkjesta magisterjali

Mix-xhieda ta' Anthony Vella[33] kkonferma li l-imputat kien impjegat tieghu u li dak in-nhar ta' l-incident, cioe fil-5 ta' Jannar 2016 kellu trakk tal-*concrete mix* bin-numru tar-registrazzjoni DAF 300. Skond ix-xhud ir-roti tal-vetturi kienu f'kundizzjoni tajba u ma kienux lixxi b'tali mod li ma jghaddux minn test.

Mix-xhieda tat-tabiba Dr. Angele Sammut Med Reg 2256[34] irrizulta li dak in-nhar giet imsejjha mil-Mosta Health Centre sabiex tattendi fuq il-post ta' l-incident fejn icertifikat il-vittma Joanna Boni mejta skond ic-certifikat esebit.[35]

Mix-xhieda tat-tabiba Dr. Jennifer Sultana Med Reg 3500[36] ikkonfermat ic-certifikat mediku mahruga minnha u esebit fl-inkjesta magisterjali[37] fejn ezaminat lill-imputat nhar il-5 ta' Jannar 2016. Skond ic-certifikat mediku l-imputat kien ibaghti minn ansjeta b'konsegwenza ta' l-incident stradali u griehi hfief. Ix-xhud stqarret ukoll li ma ghamiltx testijiet ulterjuri dwar konsum ta' alcohol jew effett ta' sustanzi ohra ghaliex ma kienx hemm suspett li seta kien taht l-effett ta' xi haga.[38]

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda ta' John Stagno Navarro[39] li xehed bhala rapprezentant ta' Elmo Insurance irrizulta li nhar il-5 ta' Jannar 2016 il-vettura DAF 300 kienet tghajjat lil Anthony Vella ta' P&S Ltd u l-vettura kienet koperta bi polza ghall-perjodu 1 ta' Mejju 2015 sat-30 ta' April 2016 ghal nies il-fuq minn tmintax il-sena hekk kif inhu kkonfermat mid-dokument minnu esebit.[40]

---

[33] Folio 77-79 ta' l-atti processwali
[34] Folio 79 et seq ta' l-atti processwali
[35] Folio 81 ta' l-atti processwali
[36] Folio 138-141 ta' l-atti processwali
[37] Folio 204 ta' l-inkjesta magisterjali
[38] Folio 140 ta' l-atti processwali
[39] Folio 18-19 ta' l-atti processwali
[40] Dok JSN1, Folio 44 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' Daniel Cini[41] irrizulta li nhar il-5 ta' Jannar 2016 il-mutur bin-numru tar-registrazzjoni JBV 308 kienet tghajjat lil Joanna Boni bil-permezz li tinstaq ukoll minn certu Daniel Cauci hekk kif ikkonfermat mid-dokument esebit mix-xhud.[42]

Mix-xhieda ta' Stephen Cachia[43] irrizulta li l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni JBV 308 huwa mutur ta' l-ghamla Kawasaki registrat fuq Salvatore Boni li kien ilu registrat mill-5 ta' Ottubru 2016. Fir-rigward il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAF 300 irrizulta li dan huwa *concrete mixer* registrat fuq certur Anthony Vella ghan-nom ta' P&S Limited u din il-vettura kienet ilha registrata mis-27 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin hekk kif jikkonferma d-dokument esebit.[44] Fir-rigward il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBT 534 irrizulta li din hija vettura ta' l-ghamla Mazda Demio registrata fuq Carmel k/a Charles Sammut u li kienet ilha registrata mit-12 ta' Awwissu 2015 hekk kif jikonferma d-dokument esebit.[45]

**Ikkunsidrat**
**Xhieda okkulari**

Skond l-okkorenza tal-pulizija, ix-xhud okkulari li insert li kien ghaddej fil-mument ta' l-incident, il-Perit Stewart Azzopardi stqarr:

*"Jiena kont tiela min hdejn it Technopark tiela bil-vettura tieghi FBU 683 sejjer lejn in-Naxxar u f'daqqa wahda nara truck miexi bil mod min naha opposta u mutur mal*

[41] Folio 23-24 ta' l-atti processwali
[42] Dok DC1, Folio 21-22 ta' l-atti processwali
[43] Folio 25-26 u 59 ta' l-atti processwali
[44] Dok SC1, Folio 27-36 ta' l-atti processwali
[45] Dok SC2, ta' l-atti processwali

*faccata tieghu quddiemu u nahseb ma ndunax bil-mutur u baqa ghaddej min fuq il-mutur u x-xufier tieghu."*[46]

Fix-xhieda tieghu Azzopardi[47] jghid:

*"Xhud …niftakar mara qed issuq u meta rat l-incident baqad ghaddejja. Imma t-trukk kien qed johrog minn dik it-triq li jien ridt nidhol minna. Kienet haga normali. Rajtu hiereg, kien bil-mod u trakk kien mohbi ghax rajtu jdur bil-mod. Xogholi perit, allura dat-trukkijiet nkun nafhom. It's a heavy truck. U il-kabina gholja niftakru. Xufier kien qed ihares lejn ix-xellug.*

*Qorti: Trukk kien right hand drive jew left hand drive?*
*Jekk niftakar sew kien left hand drive. Biss meta hu kien qisu nofsu hiereg f'daqqa wahda nara ma nafx minn fejn gie mutur, wara sirt naf li kienet tfajla, ma nafx jekk gietx minn Naxxar, jew min-naha ta' warajh.*

*Parte Civile: Setghet kienet quddiemu?*

*Xhud: No. Kif kien qed idur, harget qisa minn magenbu u nqabdet, jigifieri anke jien inhsadt ghax kif dar it-trakk, qisa harget minn x'imkien u daret quddiemu bir-rota taht inqabdet tahtu u giet fuq saqajha. Mal-ewwel rota imbaghad it was too late. It was shocking, ghax he couldn't have don't anything, it was, jien gejt b'rispett ta' dak ir-ragel, ma nafx min hu. She was unlucky ghax meta inqabdet u bdiet iddur mieghu u l-kabina hija gholja ok, hu qatt ma setgha jaraha, ezatt tahtu, tmiss mieghu kienet. U he was not speeding ghax kieku kellha cans tqum, imma inqabdet r-rota tax-xellug tat-trukk. She laid down ghax r-rota tal-mutur jew saqajjha inqabdet maghha. U mhux*

---

[46] Folio 98 ta' l-atti processwali
[47] Folio 101-115 ta' l-atti processwali

*ser noqghod niddiskrivi x'rajt dak il-hin. Imbaghad li nista nifhem ghalfejn gara hekk, trakk b'dak it-toqol ma jistghax ihossa.*

*…..*

*Imbaghad kif baqa' jdur hu biex jigi fil-lane tieghu, hi kienet mal-art, mal-ewwel rota kien gja spicca kollox. What I saw, I mean rajt bicciet itiru mal-ewwel rota ta' quddiem. Imbaghad inqabdet mad-double wheel ta' wara ukoll. Jien daqqejt mal-ewwel wahda, I mean it was happening, surreali. Hu kif gie fuq in-naha l-ohra, nizel jiccekkja quddiem niftakar, nahseb hass xi haga jew, hareg f'nofs ta' triq u nizel ihabbat f'wiccu."*[48]

Dwar id-direzzjoni ta' min fejn kien gej il-mutur u kif spicca taht it-trukk, ix-xhud jispjega li l-angolu minn fejn kien qed jara t-triq kienet mix-xellug tat-triq.

*"Jiena u tiela din it-triq ma rajtx karozzi gejjin mill-faccata, trakk biss kien hemm u kien hiereg and I saw him looking to the left when he was in the middle of the road coming out."*[49]

Jispjega li

*"imbaghad f'daqqa wahda nara, mutur zghir ma nafx kellix highlighter jacket fuqa ukoll. Ma nafx niftakarx… Jigi minn quddiem it-trakk imma exactly under him ezatt tahtu. Jigifieri da mhux ha daqqa u ntefa'. Tant kien tahtu, li dan qisu miss mieghu, dar mieghu, u gie this direction il-mutur quddiemu, ezatt tahtu."*

*Qorti: U inti rajtu li kien qieghed taht in-naha tax-xellug tal-kabina.*
*Xhud: Wieqaf kien ghadu. Imma gie dritt mieghu.*
*Qorti: Imma gie fis-sens illi inqaras man-naha tax-xellug tal-kabina?*
*Xhud: Tipo yes, qisu.*

---

[48] Folio 102-103 ta' l-atti processwali
[49] Folio 104 ta' l-atti processwali

*Qorti: Ghax dak li ddiskrivejt qisu inqaras man-naha tax-xellug tal-kabina u b'dak il-moviment imbaghad, bil-fatt li inqaras baqa jdur b'kollox, jien hekk fhimtek.*
*Xhud: Yes. Its what I think happened.*
*Qorti. Dak li int tista tivvizzwalizza.*
*Xhud: Li inqabad, inqabdet u ippruvat iddur hi mal kabina u*
*….*
*Xhud: Ghax meta kienet taht il-kabina, il-kabina hafna akbar mill-mutur sewwa, giet tahtu kompletament u qisha ghal mument, meta kienet f'nofs tat-trukk, ghamlet tnejn hekk qisha tipprova tiffreeja xi haga, ma nafx inqabditx hi mal bumper jew rota minnhom."*

Meta x-xhud kien mistoqsi x'ra is-sewwieq taghmel dak il-hin spjega
*"Iva qabel ma nqabad. Imma taht ezatt. Qisu inqabdet u ippruvat qisu l-gakketta, I don't know x'inqabad taht mat-trukk. She wasn't in control anymore. U jigifieri with the momentum, it-trukk b'dak il-load. And the unfortunate thing is li inqabdet mal-ewwel rota. Mal-ewwel rota it was already over.*

*Qorti: Ir-rota tan-naha tax-xellug.*
*Xhud: No tan-naha tal-lemin. Tar-right hand side tat-trukk. Jigifieri jekk gie ezatt min hawn, imbaghad ma din ir-rota l-ewwel li inqabdet.*

*Qorti: Jigifieri dina bazikament qed tghid inti li rajta qisu tinqaras jew tinbaram man-naha tax-xellug tal-kabina.*
*Xhud: Yes imma kienet ghada dritta, inhasdet jigifieri imbaghad inqabdet.*
*Qorti: Quddiem tat-trukk, imbaghad giet mghaffga bir-rota tal-lemin.*
*Xhud: Yes."*

Iktar il-quddiem meta l-parte civile dahhlet fid-dettal ta' l-incident, ix-xhud tenna

*"Nerga nispjegalek ma kienx hemm habta bejn il-mutur. Ahjar kieku kien hemm habta ghax il-mutur kien itir.*

Meta gie mitlub x'gara allura, x-xhud stqarr:

*"Inqabad!*

……
*Imma rajt hiereg minn tahtu minn ma genbu meta tfacca il-mutur u kien qieghed direzzjoni, din nista nara. Ir-rota ta' quddiem kienet direzzjoni kwazi paralell mal-mutur jigifieri mat-trukk qisu hiereg l'hawn mieghu u nqabad hawn."*

Azzopardi jkompli jispjega li l-incident sehh ghaliex il-mutur inqabad mal-trakk u mhux ghaliex ha daqqa u inqeleb. Il-mutur saq vicin it-trakk u kien taht il-kabina u meta l-mutur prova iddur f'dak il-mument il-mutur inqabad mat-trakk u gie ezatt tahtu bil-kontra. Skond Azzopardi *"hemmhekk fejn inhasdet is-sewwieqa u nqabdet u pruvat tihhoppja tnejn qisu."*[50]

Ir-raguni ghal din il-manuvra taghha kien biex hi tinqala peress li giet ezatt taht it-trakk u meta ma rnexxiliex il-mutur gheleb fuq il-genb.

*"Ghalhekk kwazi cert li nqabad ghax il-mutur mhux ha daqqa u inqeleb. Kien ghada wieqfa quddiemu dar mieghu qisu b'sieqha mal-art kienet hin minnhom u l-ewwel pruvat tinqala u ma nqalatx u just went over it."*

Skond ix-xhud is-sewwieqa kienet qed thares kwazi l-istess naha tat-trukk u inqabbdu f'xulxin *"meta kienet hierga minn mal-genb ta tahtu. Hemmhekk there was*

[50] Folio 109 ta' l-atti processwali

*contact u kien hemm manuvra, ma nafx kienx ghamita hi hew biex iddur l-hawn giet ezatt tahtu."*[51]

Ix-xhud dejjem itenni li l-sewwieqa tal-mutur inqabdet qabel.

*"Eventwalment meta gheleb il-mutur imbaghad inqabdet bir-rota tal-lemin. There was something. Issa jew hi il-mutur ma setghatx tikkontrollah ghax qieghed ezatt tahtu jew maqbuda. Imbaghad the motorcycle fell down bir-rota ta' quddiem u after l-ewwel wheels…"*[52]

Illi l-istess xhud kien ukoll ta d-deposizzjoni tieghu quddiem l-espert mahtur Mario Buttiegieg bhala parti mill-inkjesta magisterjali.

Illi fid-deposizzjoni tieghu Azzopardi kien stqarr li kien ra t-trakk tar-*ready mix* wieqaf fuq l-istop sign u hu qatt ma kien ra il-mutur ta' Boni wieqaf fuq l-istop sign hdejh meta t-trakk kien qed jistenna biex johrog.

Illi fil-konkluzjoni tat-tieni rapport tieghu, l-espert Buttigieg jaghmel referenza ghal din id-desposizzjoni u jghid:

*"Illi Azzopardi kien xehed a tempo vergine illi kif t-trakk laqat lill-mutur, kien ra lil Boni tipprova taqbad max-xibka ta' quddiem tat-trakk izda t-trakk baqa' tiela fuqha u fuq il-mutur taghha bil-konsegwenza illi kemm il-vettura u l-mutur spiccaw taht it-trakk quddiem. Illi wara l-incident il-mutur baqa' spicca jhares lejn fejn kien hemm il-vettura tal-Perit Azzopardi. Illi dan jaghti x'jifhem illi l-Perit Azzopardi illi kien fil-*

[51] Folio 110 ta' l-atti processwali
[52] Folio 113 ta' l-atti processwali

*fatt prezenti waqt l-incident u huwa xhud okkulari indipendenti kien f'posizzjoni li jara l-incident isehh u jixhed dwar il-fatti."*[53]

Il-parte civile a bazi ta' din ix-xhieda kienet talbet lil ufficjal prosekutur l-Ispettur Roderick Spiteri sabiex jara jekk kienx hemm bazi legali ta' xhieda falza stante li skond il-parte civile dan ix-xhud ta verzjoni differenti fl-inkjesta magisterjali.

Skond l-ufficjal prosekutur *"ma kienx hemm l-elementi ghall-inqas jekk niftakar sew ghax jien qed nghidlek ilu Sinjura Magistrat, ma kienx hemm, ghax il-kwistjoni kienet li mhux biddel il-verzjoni e x-xhud izda jekk niftakar dejjem sew ovvjament li kien hemm min qed jghid haga u min qed jghid haga ohra."*[54]

Fil-konkluzjoni ta' l-inkjesta magisterjali, il-Magistrat Inkwirenti osservat li mix-xhieda tal-perit Stewart Azzopardi irrizulta li t-trakk qabad il-mutur, b'konsegwenza illi dan spicca taht it-trakk, flimkien max-xuffier tieghu u b'hekk it-trakk baqa' ghaddej minn fuqhom.[55]

Mix-xhieda ta' Paul Abela[56] irrizulta li hu ra kemm il-mutur u t-trakk faccata tieghu waqt li kien tiela bil-vettura tieghu.

Abela jghid li meta l-mutur laqat mat-trakk kien hdejh dak il-hin.

*"It-trakk hiereg, x'hin kiser l-isfel qabad lil mutur."*[57]

---

[53] Folio 238 ta' l-inkjesta magisterjali
[54] Folio 227-228 ta' l-atti processwali
[55] Folio 2 ta' l-inkjesta magisterjali
[56] Folio 116-122 ta' l-atti processwali u folio 233 ta' l-inkjesta magisterjali
[57] Folio 118 ta' l-atti processwali

Skond ix-xhud l-mutur kien qieghed kontra x-xufier u l-mutur ried illi jdur fuq in-naha tal-lemin u l-impatt sar billi l-mutur inqabad fuq in-nahha tar-rota tal-lemin u nlaqtet mill-*bumper* meta kienet qed iddur.

Skond ix-xhud:

*"Jien nahseb il-mutur l-ewwel ma qala ghax il-mutur ehfef mit-trakk ovjament, jekk qalaghu t-tnejn f'daqqa l-mutur johrog qabel. Ovjament il-mutur nimmagina li johrog qabel it-trakk, jekk weqfin it-tnejn u ha nippruvaw nitilqu minn trakk ghal mutur ha johrog qabel il-mutur."*[58]

Ikompli jghid:

*"It-trakk mess bil-bumper, tghidli mhux timmagina imma hekk hu, mess il-bumper il-mutur u l-mutur dar."*[59]

Missier il-vittma Salvatore Boni fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2018 esebixxa sensiela ta' ritratti rigward il-mutur.[60] Minn dawn ir-ritratti jirrizulta dehra tal-mutur tal-vittma taht it-trakk bin-numru tar-registrazzjoni DAF 300 kif ukoll ritratti ta' xi hsarat li saru fuq il-mutur. Mix-xhieda tieghu x-xhud itenni li f'ritratt minnhom *"jidher li hemm l-indicator destra, right nahseb, emm mixghul li ma gie indikat gew citat fl-ebda parti anzi e Dr. Zammit innega dan il-fatt."*[61] Ix-xhud ikompli jghid ukoll li mil-filmati jidher bic-car li l-*indicator* tal-mutur kien qed jixghel u dan waqt li l-mutur kien qed jahdem. Ix-xhud jaghmel referenza ukoll ghar-ritratt li juru l-mera hija mkissra u dan sabiex ifihem li sar impatt.

[58] Folio 119 ta' l-atti processwali
[59] Folio 120 ta' l-atti processwali
[60] Dok SB1 – SB7, Folio 157 ta' l-atti processwali
[61] Folio 199 ta' l-atti processwali

Meta il-Qorti ezaminat Dok SB5 u Dok SB6 wiehed jista jara dehra ta' dawn il-mirja. Madankollu meta wiehed jara Dok SB5 il-mirja jidhru t-tnejn intatti filwaqt li l-mera f'Dok SB6 hija mkissra. Il-Qorti ma giex spjegat lilha min u meta ittiehdu dawn ir-ritratti. Dok SB5 jidher li ttiehedet barra filwaqt li SB6 jidher li ttiehdet x'imkien gew. Il-karti fuq xiex gew zvilupatti r-ritratti huma wkoll differenti. Ghalhekk din il-Qorti hija nieqsa minn spejgazzjoni ghalfejn dawn ir-ritratti ivarjaw minn xulxin u taht liema kontroll ittiehdu u ma tistax tistrieh fuqhom bhala prova b'aktar valur minn dawk li jifformaw parti mill-inkjesta.

Il-Qorti izda tara li mir-rapport ta' l-espert Joseph Zammit jirrizulta li l-mera tas-sewwieq tinsab imkissra.[62]

Ghar-rigward Dok SB2 u SB3 li ghandhom indikat fuq wara l-kliem "*Times of Malta*" id-dawl ta' quddiem tal-mutur jidher mixghul izda ma jirrizultax minn dawn ir-rittratti li kien hemm xi *indicator* mixghul.

Ix-xhud jibaza x-xhieda tieghu fuq l-interpretazzjoni tieghu tal-provi tal-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni u l-parte civile tispera li jifhmu li l-Qorti tista biss tikkunsidra biss opinjonjiet ta' esperti hekk kif regolat mil-Kodici Kriminali u se mai kwalunkwe interpretazzjoni tifforma parti mis-sottomissjonijiet finali tal-kaz. Illi minn din ix-xhieda irrizulta li l-parte civile ghandhom opinjoni personali li tmur kontra dak li ressqet il-prosekuzzjoni minghajr ma gie meqjus il-validita legali ta' dak li kien qed jigi mistqarr.

Mix-xhieda ta' Josephine Boni[63] irrizulta li dak in-nhar ta' l-incident, il-vittma kienet qed iggor *back pack* fuq dahra tad-ditta Kappa ta' liema esebit tlett

[62] Folio 46 ta' l-inkjesta magisterjali
[63] Folio 207-210 ta' l-atti processwali

ritratti.[64] Illi dan il-*back pack* gie esebit nhar it-18 ta' Dicembru 2017[65] u x-xhud itenni li ma kellu ebda barxa u itenni bl-opinjoni li b'hekk ma setghax ikun hemm tkaxkir.

Mix-xhieda ta' Reno Bugeja[66] irrizulta li kien hemm filmat ta' l-incident li gie mxandar fuq il-mezzi tax-xandir u esebixxa kopja ta' dan il-filmat.[67]

Mix-xhieda ta' John Sacco[68] irrizulta li l-espert kien ghamel *downloading* ta' dan il-filmat li gie ppubblikat fuq is-sit tal-PBS nhar il-5 ta' Jannar 2016 u esebixxa kopja tieghu.[69]

Mix-xhieda ta' Matthew Xuereb[70] li xehed fil-kapacita bhala rapprezentant tal-gazetta The Time of Malta gew esebiti sensiela ta' ritratti u filmat li ttiehdu mil-fotografu Darren Zammit Lupi li sa dak iz-zmien ma baqax jahdem mal-gazzetta.[71]

Minn dawn ir-ritratti jidher il-mutur imwahhal taht it-trakk fuq in-naha tal-lemin b'dehriet ta' l-esperti u paramedici fuq ix-xena tal-post.

**Ikkunsidrat**

**Inkjesta Magisterjali**

---

[64] Dok JB1, Folio 211 ta' l-atti processwali
[65] Folio 120 ta' l-atti processwali
[66] Folio 161-162 ta' l-atti processwali
[67] Dok RB1, Folio 163 ta' l-atti processwali
[68] Dok 169-170 ta' l-atti processwali
[69] Dok JS, Folio 171-178 ta' l-atti processwali
[70] Folio 164-166 ta' l-atti processwali
[71] Dok MX1, Folio 167 ta' l-atti processwali

Illi malli sar maghruf li Joanna Boni kienet tilfet hajitha dak in-nhar ta' l-incident, infethet inkjesta mil-Magistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera LLD fejn hi hatret diversi esperti sabiex jghinuha fil-kaz. Illi wara li l-inkjesta magisterjali bin-numru 17/17 gie maghluq fid-9 ta' Jannar 2017, fl-udjenza tal-25 ta' Lulju 2017[72] gie esebit il-*procel verbal* tal-inkjesta u l-Qorti ikkonfermat in-nomina tal-esperti fil-kors ta' l-istess inkjesta.[73]

Mix-xhieda w r-rapport[74] ta' l-espert mahtur Joseph Zammit[75] irrizulta li fir-rigward il-gabina tax-xuffier hija *"regolari pero' t-trakk huwa b'sistema left hand drive. Il-gabina kienet armata, sibtha armata bil-mirja rear view mirrors regolari kemm fuq in-nahha tax-xellug kif ukoll fuq in-nahha tal-lemin u ma sibt l-ebda hsara fuq it-trakk ghajr zewg (2) tyres li kienu lixxi relevanti mill-incident."*

Rigward il-mirja, ix-xhud stqarr li kienu *"cari, t-trakk kollu kien car, nadif kollu, kundizzjoni perfetta …. u iva seta' jara l-gnub il ghaliex jiena ghamilt it-testijiet fil-prezenza ta' l-imputat u soqtu go diversi toroq u kollox jidher minn quddiem sa wara."*

Meta kien mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi ostakolu vizwali ghal mera stqarr li

*"No kollox regolari ghaliex it-testijiet l-aktar li ghamilthom minhabba li huwa left hand drive u ridt inkun naf in-nahha l-ohra sew."*

In kontro ezami x-xhud ikkonferma li l-*brakes* tar-ready mix kienu *road worthy* u jirrispondu meta tghafsilhom.[76] It-trakk kien mghobbi bis-siment meta gara

72 Folio 10 ta' l-atti processwali
73 Folio 30 ta' l-atti processwali
74 Dok JZ, Folio 36- ta' l-inkjesta magisterjali
75 Folio 37-39 u 142-153 ta' l-atti processwali
76 Folio 38 u 150 ta' l-atti processwali

l-incident u skond ix-xhud dan halla effett ta' izjed *momentum* fuq ir-roti specjalment meta jdur.

Rigward ir-roti tat-trakk, filwaqt li kienu lixxi, l-espert jghid li kienu minfuhin u ma kellhom x'jaqsmu xejn ma l-incident u *"kwasi kwasi ftit kien jaghmel differenza fil-brake."*[77]

L-espert ikonstata li t-trakk haret mit-triq u waqaf distanza ta' seba u ghoxrin metru l-boghod. Is-sistemi ta' brekijiet tat-trakk u tal-mutur kienu t-tnejn jahdmu mija fil-mija u ma kien hemm ebda marki ta' *brake marks* fuq il-post.[78]

Meta rega xehed ix-xhud tenna li t-trakk kien *"jinsab l-isfel facing Mosta Road fuq in-naha ta' xellug minn fejn kien tinsab il-katavru moghtija sa distanza ta' iktar minn seba u ghoxrin metru l-isfel bil-motorcycle."*[79]

Ix-xhud jikkonferma li t-tkaxkira li ha l-mutur halla effett fuq il-gerijiet ghalix il-ger kien spicca mghawweg ganc. Il-ger kien jifunzjona b'mod tajjeb u sabu ingranat fuq il-hames ger izda, ix-xhud jghid ukoll li jista jkun li bl-impatt taht it-trakk u bit-tkaxkir seta biddel il-posizzjoni tieghu. Ghar-rigward l-*indicators* ix-xhud sabhom f'posthom u mitfija u ma ra l-ebda wahda teptep la ta quddiem u lanqas ta' wara minkejja li sab il-mutur bl-*ignition key* fiha u mixghula. Dan ikkonfermah fir-rapport tieghu u mir-ritratti mehuda. Il-mutur ma soffriex hsara hlief hsara ta' tkaxkir izda s-sistema eletrika kienet u baqghet tahdem.[80]

---

[77] Folio 151 ta' l-atti processwali
[78] Folio 152 ta' l-atti processwali
[79] Folio 143 ta' l-atti processwali
[80] Folio 148 ta' l-atti processwali

Meta rega xehed l-espert Zammit[81] jikkonferma li r-rimarki li ghamel kienu tali mod daqs li kieku qieghed fil-kabina fuq in-naha tax-xellug u qieghed ihares mid-direzzjoni tan-Naxxar lejn Mosta Road.

Rigward il-mirja tat-trakk, ix-xhud jispejga li meta tela fil-kabina sab tlett mirja li kienu aggustati sabiex jaghmlu l-funzjonijiet taghhom.

Dwar il-mirja jispjega li wahda minnhom kienet specjali *"peress li huwa left hand drive allura id-driver setgha jara il-genb kollu minn quddiem sa wara tal-vettura u jien sibt kollox jiffunzjona u adjustati ghal dak l-iskop."* Ix-xhud jikkonferma wkoll li ma osservax li kien hemm xi *blind stop*.[82]

Ghar-rigward id-distanza li sab fuq il-post jistqarr li *"kien hemm sinjali imhaffer got-tarmak minn naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug taht il-bankina sa' distanza ta' 27 metru u xi haga."*

Ix-xhud jikkonferma li l-brejks tat-trakk kienu jahdmu u minkejja li kien ippruvahom wara li kien tbattal xorta kienu jiffunzjonaw u jieqfu zoptu meta tapplikahom.

*"Tant tieqaf zoptu li fuq il-post tal-incident ma sibt l-ebda impromptu ta' break marks mal-post."*

It-trakk kien armat b'sistema ta' *air brakes* hu li hija iktar efficjenti minn ABS *braking*.

Fil-konkluzjoni ta' l-inkjesta magisterjali gie osservat li:

---

[81] Vide Dok ASH1, Folio 285-307 ta' l-atti processwali
[82] Folio 295-296 ta' l-atti processwali

*"Il-motorcycle tkaxkar taht quddiem tat-trakk ghal distanza ta' aktar minn seba' u ghoxrin (27) metru fejn waqaf it-trakk ihares fid-direzzjoni ta' Triq il-Mosta. Is-sewwiqa tal-motorcycle intrifset u ntaghfget taht double wheel tat-trakk fejn hemm tilfet hajjitha fuq il-post.*
*Mill-ezamijiet teknici li l-espert ghamel fuq iz-zewg vetturi, sab li dawn kollox kellhom jahdem sew, kienu road worthy u in partikolari s-sistemi tal-isterring u s-sistema tal-brejkijiet kollha instabu jahdmu mija fil-mija sew. It-tyres tal-vetturi kienu tajbin, ghajr ghal nuqqas fuq double wheel tat-trakk li kienu jinsabu lixxi, li izda dan ma kellu ebda effett fuq dan l-incident.*

*Ghalkemm il-brejkijiet taz-zewg vetturi nvoluti instabu jiffunzjonaw mija fil-mija sew, fuq il-post tal-incident ma nstabu l-ebda impronti ta' brake marks.*

*L-espert jeskludi li dan l-incident sehh minhabba xi hsara fuq xi wahda minn dawn iz-zewg vetturi.*

*Il-hsara li kellu fuq dan il-motorcycle kollha hija kompatibbli mal-incident u in partikolari t-tkaxkir waqt li kien maqbud taht it-trakk."*[83]

Mix-xhieda u r-rapporti[84] ta' l-espert PL Mario Buttigieg[85] irrizulta li dan il-incident sehh meta
*"tal-concrete mixer Cauchi waqaf fuq l-istop sign ghax fit-tmienja (8.00) ta' filghodu f'Jannar ikun hemm xebgha traffiku ghaddej, hekk kif kien ha johrog tigi Boni minn warajh, ghamlet overtaking fuq ix-xellug u kif kienet ezatt ha tmur biex tikser lejn in-nahha tal-lemin biex tinzel lejn il-Mercedes hemmhekk sehh l-incident."*[86]

---

[83] Folio 6-7 ta' l-inkjesta magisterjali
[84] Dok MB, Folio 178-204 u Dok MBU, Folio 231-249 ta' l-inkjesta magisterjali
[85] Folio 62-66, 82-87 u 272-276 ta' l-atti processwali
[86] Folio 62 ta' l-atti processwali

L-espert tkellem ma zewg xhieda li kienu prezenti u raw l-incident. Irrizulta li skond wiehed mix-xhieda, il-vittma Boni qalghet minn nahha tax-xellug u skond xhud iehor qalghet fuq in-nahha tal-lemin.

Minn dak li kkonstata l-espert fuq il-post irrizulta li *"il-mutur spicca taht it-trakk iktar fuq in-nahha tal-lemin. Ghaldaqstant qed niddicudi li x'hin saret il-manuvra hi giet minn nahha tal-left. Il-ghala qed nghid hekk? Ghax la darba hi qalghet u t-trakk tela' fuq il-mutur, ghax litteralment tela' fuq, il-mutur konsegwentement dar, gie jhares dritt u hi spiccat fuq in-nahha tal-lemin ukoll. Li kieku nqabdet minn nahha tal-lemin kif qal ix-xhud l-iehor kienet tmur il-kontra."*

L-espert izid:

*"…. Jiena kkonkludejt li ghandhom jittiehdu passi kriminali kontra Cauchi fuq semplicement minhabba l-proper lookout. Il-ghala qed nghid hekk? Ghax dana meta kien wieqaf, fil-fatt qed jghid li kien wieqaf u qala' bil-first gear hu ghandu zewg (2) mirjiet Sur Magistrat, ghandu wahda biex ihares fuq u l-ohra biex litteralment ikun jista jhares isfel, jigifieri dan f'xi hin bilfors raha. Jigifieri fuq hemm qed nghid li ghandu jitressaq."*[87]

Skond l-espert, li kieku Cauchi kien qed izomm *proper lookout* u kien qed ihares kien zgur f'xi hin jara lil Boni.

*"Qorti: Jigifieri int qed tghid kellu l-mezzi bizzejjed biex kieku hares kien jara, pero' l-fatt illi hareg u sehh l-incident ifisser illi kellu biex jara imma ma harisx.*

[87] Folio 63 ta' l-atti processwali

*Xhud: Ezatt. U anke kif xehed il-perit ghamel sekwenza shiha fix-xhieda tieghu, ma nafx jekk xhedx, jekk semghetux il-Qorti, ghamel sekwenza shiha fix-xhieda tieghu kif attwalment sehh l-incident. Jigifieri saret il-manuvra, minhabba l-familja iktar ma nistax naghti d-deskrizzjoni kollha ta' l-incident ghax hija naqra mhix sabiha."*[88]

Fi kliem semplici jistqarr li Cauchi *"bazikament hu kif qala' giet Boni minn nahha tax-xellug u hemmhekk sehh l-incident."*

Ghar-rigward kemm kien hemm spajzu sabiex il-vetturi jimmanuvraw l-espert stqarr:

*"…bazikament inti dejjem trid thares, apparti li hu waqaf fuq l-istop sign pero' xorta trid tara x'ghandek madwarek mhux taqbad u taqla, ghax dan facilment seta' kien hemm karozza ohra jew kien hemm xi hadd iehor li qasamlu minn nahha tal-left u kien jigri l-istess, jigifieri dan xorta jrid ihares qabel ma taqla hu."*

Fir-rigward il-vizwalita ta' Cauchi jistqarr li *"dana ma kellu l-ebda ostakolu, jiena personalment dhalt fit-trakk, rajt mill-mera li kellu li kienet litteralment qieghda thares l-isfel, in-nahha ta' isfel, jigifieri ghalija ma kien hemm l-ebda ostakolu minn nahha tieghu kieku dejjem hares, ha nghidu hekk.*[89]

Meta rega xehed l-espert rega tenna l-konkluzjoni tieghu dwar kif kienet qed issuq il-vittma Boni.

*"Bazikament jien qed nikkonkludi li dan il-mutur gie min-naha tax-xellug, kif ezatt hareg it-trakk, qabdu u dahal taht it-trukk. Infatti l-mutur spicca fuq in-naha tal-lemin tat-trukk. Li kieku kien ghaddej fuq in-naha tal-lemin kieku awtomatikament kien jispicca fuq in-naha tax-xellug taht it-trukk. Infatti il-mutur spicca taht il-lemin tat-*

[88] Folio 63-64 ta' l-atti processwali
[89] Folio 67 ta' l-atti processwali

*trukk, infatti anke d-driver u kien hemm blood cloths li kienu qed jindikaw fuq in-naha tar-right. Jigifieri anke t-test tieghi li kienet aktar qed izzomm fuq in-naha tax-xellug milli fuq in-naha tal-lemin."*[90]

Meta l-espert kien ikkonfrontat dwar il-konkluzjoni tieghu stante li l-perit li kien prezenti stqarr li l-mutur kien qed ihares lejn il-*bus stop* l-espert zamm mal-konkluzjoni tieghu.

*"Le m'ghandix ghalfejn. Ghax kieku gie min-naha tal-lemin awtomatikament kien ihares lejn in-naha ta' fuq jew inkella kieku kien jitla fuqu l-mutur, t-trakk u kien jghaffeg il-mutur. Il-mutur qass hsarat ma kellu."*[91]

Ikompli ttenni

*"Xhud: Bazikament li kif xehed il-perit, il-quddiem tal-mutur kien qed ihares lejn n-naha tieghu, lejn fejn kien tiela hu. Lejn n naha tal-lemin. Meta inti ghandek (anke l-manuvra tindikalek) t-trukk miexi il-quddiem u l-mutur awtomatikament hi ha tigi man naha tal-lemin mhux ha tigik fuq in-naha tax-xellug.*

*Qorti: Wara l-impatt*

*Xhud: Ezatt wara l-impatt. Infatti il-mutur spicca taht it-trakk."*[92]

In kontro ezami x-xhud jispjega li qabel vettura taqsam it-triq trid *"tieqaf ghax ghandek anke l-kelma stop li ghandek anka t-tabella li qeghda fuq in-naha tax-xellug*

[90] Folio 85 ta' l-atti processwali
[91] Folio 85-86 ta' l-atti processwali
[92] Folio 86-87 ta' l-atti processwali

*tat-triq. Hemm anki Stop mal-art ukoll u jekk ma jkunx hemm karozzi wiehed jibqa' ghaddej b'mod normali."*[93]

Ix-xhud in ri-ezami jikkonferma wkoll li *"la r-redimix u la l-mutur ma urew brix jew skid marks f'wicc it-triq."*[94] u li l-kundizzjoni tat-triq dak in-nhar kienet tajba. Fil-konkluzjoni ta' l-inkjesta magisterjali, il-Qorti inkwirenti osservat:

*"Cauchi kien wieqaf fuq l-istop sign wara vettura ohra jistenna sabiex jidhol fit-triq principali, waqt li Boni kienet gejja mill-istess direzzjoni izda kienet qed issuq fil-karreggjata ta' gewwa. Hekk kif Cauchi hareg, Boni harget ukoll bil-konsegwenza li marret quddiem ir-Ready mixer. Dak il-hin il-mutur gie taht it-tajer tat-trakk bil-konsegwenza li t-tajer qabad kemm il-mutur u anke lil Boni u baqa jkaxkarhom mieghu. Cauchi allegatament ma ndunax b'dak li kien sehh sakemm sema' xi hsejjes ta' tkaxkir u hornijiet ta' vetturi ohra jpaqpqulu."*[95]

Meta l-espert gie mitlub jerga jixhed xhieda godda, l-espert xorta zamm mal-konkluzjoni originali tieghu u stqarr li minkejja x-xhieda ta' Paul Abela li nghatat zmien wara, *"xjentifikament jindika li l-istess mutur kien fil-fatt gej minn n-naha tax-xellug tat-trakk u kien qieghed qed idur ma quddiem tal-istess trakk…..Illi ukoll irid jinghad illi anke meta sar l-ispezzjoni tat-tajers tat-trakk kien hemm body tissues li aktarx saru meta it-trakk tela fuq il-parti tar-ras tal-allegat vittma Joanna Boni. Dan jindika u jivverifika illi Boni kienet gejja minn naha tax-xellug tat-trakk u kif kienet qed tigi milquta mir-Ready Mixer hija tghaffget u rasha li kienet qed tharres lejn il-lemin, giet mghaffga mir-roti tal-lemin tat-trakk.*

[93] Folio 274 ta' l-atti processwali
[94] Folio 275 ta' l-atti processwali
[95] Folio 10 ta' l-inkjesta magisterjali

*Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi skont l-evidenza kif kienet irrizultat a tempo vergine, jidher illi l-versjoni tal-Perit Azzopardi hija aktar kredibbli u taghmel iktar sens rigward kif sehhew il-fatti."*[96]

Illi skont l-espert l-incident irrizulta fit-T junction u ghaldaqstant il-vizibilita' ghas-sewwieqa ma kinitx ristretta minn ebda ostakli. Illi l-espert huwa tal-fehma illi meta Boni qabzet lil Cauchi minn gewwa hija ma haditx il-prekawzjonijiet mehtiega u gibdet fid-dritt bil-konsegwenza li marret wisq vicin ir-Ready Mix u dahlet quddiemu.

Minkejja dan is-stat ta' fatt u l-parti kontributorja tal-vittma, skond l-espert is-sewwieq tar-ready mix illi kien fuq in-naha tax-xellug seta' jara lil Boni bil-mirja tal-genb li hemm fuq in-naha tieghu u ghalhekk messu zamm a *proper lookout* meta kien fuq l-istop sign.

Bhal konkluzjoni, l-espert jikonstata li l-incident sehh minn negligenza tal-vittma Boni u nuqqas ta' *proper lookout* minn naha ta' l-imputat.

Mix-xhieda w r-rapport[97] ta' l-espert mahtur il-Perit Mario Cassar[98] irrizulta li jidru marki tat-tyre jigifieri jidhru hafna huma accenwati kif ukoll xi grif fit-tarmac ukoll li huma fl-istess direzzjoni u parallel ghal marka tat-tyre. L-espert jikkonferma li d-distanza minn fejn bdiet timmarka it-tkaxkir sa fejn spicca l-mutur kienet presa poco tlieta u ghoxrin pont tmienja metri.

[96] Folio 239 ta' l-inkjesta magisterjali
[97] Dok MC, Folio 17-26 ta' l-inkjesta magisterjali
[98] Folio 127-129 u 133-135 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda u r-rapport[99] tal-Professur Ali Safraz[100] irrizulta li l-vittma mietet konsegwenza ta' griehi gravi li soffriet u kif kien ikkonfermat fuq il-post mit-tabib espert Dr. Mario Scerri.[101]

Fil-parti tal-konkluzjoni ta' l-inkjesta magisterjali, il-Qorti Inkwirenti osservat li *"l-abrazjonijiet deskritti fuq il-kadavru ta' Boni kienu kompatibbli ma' tkaxkir. Il-lacerazzjoni deskritta fuq it-tarf ta' fuq (proximal end) tar-rigel tal-lemin kienet kompatibbli ma' blunt trauma. Il-fatturi deskritti fit-tibia u fibula tal-lemin assocjati ma' degloving tal-gilda kienu kompatibbli ma' blunt trauma. Il-lacerazzjoni deskritta fuq l-ghonq kienet kompatibbli ma' blunt trauma."*[102]

Irrizulta wkoll li l-vittma ma kientx taht xi effett ta' medicinali, drogi jew alkolhol u l-kawza tal-mewt kienet minhabba l-incident imsemmi.

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni ta' l-imputat**

L-imputat tul is-smiegh tal-kawza ghazel li ma jixhidx.[103] Madankollu fl-inkjesta magisterjali l-imputat kien ghazel li jaghti desposizzjoni tieghu quddiem l-espert mahtur Mario Buttigieg.[104] Illi din id-deposizzjoni ittiehdet wara li kien inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu *a priori* tal-investigazzjoni u wara li gie imwissi bid-dritt tieghu moghti bil-ligi illi kellu dritt li ma jwegibx domandi li setghu b'xi mod jinkriminawh u wara li gie moghti l-gurament. Wara li ta d-desposizzjoni tieghu, giet moqrija u iffirmata mill-imputat.

[99] Folio 167-169 ta' l-inkjesta magisterjali
[100] Folio 130-131 ta' l-atti processwali
[101] Folio 154-156 ta' l-atti processwali u Dok MS, Folio 94-149 ta' l-inkjesta magisterjali
[102] Folio 8 ta' l-inkjesta magisterjali
[103] Foli0 282 ta' l-atti processwali
[104] Folio 185-186 ta' l-inkjesta magisterjali

L-imputat kien stqarr:

*"Jiena kont niesel mir-ring road biex indur lejn Hal-Lija u quddiem kien hemm erba karozzi quddiemi u wara tlett karozzi hargu minn fuq li stop, kien baqa karozza wahda quddiemi li waqfet ghaxx kienu ghaddejin il-karozzi u hekk kif harget u jiena rajt li ma kien gej hadd u kelli spazju bizzejjed sabiex nohrog, hrigt u f'daqqa wahda smajt hoss fit-truck u hsibt li kellu xi hsara, wara tfajt u harist mil-mera nara xena keha ta' persuna mafga mal-art."*

Madankollu meta ittiedet id-diposizzjoni tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul id-diposizzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit fuq bazi preliminari minn din il-Qorti jekk id-diposizzjoni in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta 1-imputat ta d-diposizzjoni tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu. Madankollu ma kien ingħata 1-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul d-diposizzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[105] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li 1-imputat ta' d-diposizzjoni tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi fejn din il-lanjanza diga giet sorvolata mill-Qrati lokali taghna u tibda bil-kaz **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**[106]**, (**liema sentenza d-difiza ghamlet ukoll riferenza ghaliha fit-

[105] Fit-28 ta' Novembru 2016

[106] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

trattazzjonji finali taghha) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti u dan dejjem skond id-Direttiva 2013/48 ta' l-Unjoni Ewropea.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija jew deposizjoni. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti 1-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[107] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[108] fejn il-Qorti rriteniet:

[107] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[108] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fis-sentenza **Graziella Attard vs Avukat Generali**[109] fejn il-Qorti rriteniet:

*"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[110]

---

[109] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali
[110] Folio 11 u 12 tas-sentenza

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[111]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

**Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[112] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[113]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[114]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[115] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat assolutament mhuiex ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-

---

111 Folio 14 tas-sentenza

112 Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

113 Folio 25 tas-sentenza

114 Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

115 Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

prattici tal-pulizija u iktar u iktar tenut kont ta' l-eta tenera tieghu meta sehh l-incident.

Maghdud ma dan kollu l-Qorti ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul id-diposizzjoni tieghu għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat.

Din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tad-disposizzjoni tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess diposizzjoni tieghu u ma tqisiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

Mid-deposizzjoni[116] u mix-xhieda ta' PS 1270 Antoine Zammit[117] irrizulta li kien prezenti fuq ix-xena ta' l-incident. Ix-xhud jispjega li

*"Innuntajt ukoll illi mat-trukk, man-naha tal-lemin kien hemm xi ticpis tad-demm u innutajna ukoll xi bicciet mal-art li jghatu ghal-salib it-toroq, lejn Triq Frangisku Pisani u wara kellimt lix-xufier tar-trukk, illi vizibilment kellu xokk u staqsejtu briefly x'gara u ma garax. U qalli li kien niezel minn din it-triq, kien hemm tlett karozzi quddiemu fuq l-istop. Kif harrgu kien ghad hemm karozza quddiemu harget hi ukoll. Kif ra li t-triq hija clear beda hiereg, ra li hemm spazju bizzejjed u kif hareg niezel lejn is-showroom ta' Kinds, jisma hoss fit-trukk. Hu haseb li kellu xi hsara, imma kif ittawal fil-mera, illi it-trukk li kien left hand drive ra xena kerha hafna, ra persuna mghaffga mal-art."*

[116] Folio 235 ta' l-inkjesta magisterjali
[117] Folio 88-92 ta' l-atti processwali

Mir-rapport tal-pulizija[118] l-imputat kien spjega:

*"jiena kont niezel mir ringroad biex indur lejn Hal Lija u quddiemi kien hemm erba karozzi quddiemi u wara li tlett karozzi hargu min fuq li stop, kien baqa karozza wahda quddiemi li waqfet ghax kienu ghaddejin il-karozzi u hekk kif harget u jien rajt li ma kien gej hadd u kelli spazju bizejjed biex nohrog, hrigt u f'daqqa wahda smajt hoss fit-truck u hsibt li kellu xi hsara, wara tfajt fil-genb u kif waqaft u harist mil mera nara xena kera ta persuna mafga mal-art."*[119]

Fix-xhieda tieghu Paul Abela stqarr:

*"Ghax tat-trakk niftakru jghid jien li haseb li gralu l-hsara t-trakk jigifieri u x'hin ippruvajna nikkalmawh ghax kien emozzjonat hafna u bdejna nghidulu bhal speci tinkwetax u gejja l-pulizija u gejja l-ambulanza, beda jghidilna: Ma rajtiex. Litteralment dak id-diskors jigifieri smajtu jien, ma rajtiex u beda jirreferi hu peress li kien din in-nahha qed isuq beda jirreferi ghan-nahha l-ohra, ma rajtiex beda jghidilna jigifieri dan."*[120]

Fl-inkjesta magisterjali kienet tat id-deposizzjoni taghha Emily Schembri[121] [izda ma tressqitx taghti x-xhieda taghha viva voce quddiem il-Qorti] li kienet fil-karozza flimkien ma Paul Abela. Skond ix-xhud semghet lill-imputat jghid *"Hsibt li sparatli molla."*

**Ikkunsidrat**

---

[118] Folio 95 ta' l-atti processwali

[120] Folio 121 ta' l-atti processwali
[121] Folio 234-235 ta' l-inkjesta magisterjali

Il-Qorti kif kienet diversament presjeduta kienet esprimiet fehma li sa fejn hu possibli, f'dan il-kaz xtaqet taghmel rikostruzzjoni kemm jista' jkun li toqrob lejn ix-xena tal-incident.[122] Ghalhekk il-Qorti ordnat li jigu esebiti l-pjanti ta' kif it-triq qed tigi proposta li tkun mibdula.

F'dan ir-rigward gew esebit diversi pjanti li juru kif kienet u kif effettivament giet Triq Labour Avenue, Naxxar.[123]

Mix-xhieda tal-perit David Vassallo[124] irrizulta li minn zmien ta' l-incident sal-gurnata tal-llum kien hemm bdil fit-toroq u saru xogholijiet fil-frattemp. Ix-xhud jispjega li l-bidla principali hija dwar il-kapacita ta' kemm tasal it-triq u li flok tibqa T-junction tigi *upgraded* ghal *roundabout.* F'dan ir-rigward ix-xhud esebixxa l-pjanti relattivi.[125]

**Ikkunsidrat**

Illi in segwitu ghal dawn il-pjanti fuq ordni tal-Qorti u bi qbil bejn il-partijiet sar access fuq il-post in kwistjoni nhar id-9 ta' Gunju 2022 fil-presenza tal-partijiet u whud mill-esperti. Illi l-Qorti taghmilha cara u tenfasiza illi l-iskop ta' l-access kien sabiex jigu ezaminati l-vetturi in kwistjoni fuq il-post fejn sehh l-incident u vizwalment jigi spjegat lill-partijiet u lill-Qorti id-dinamika ta' l-incident. Illi kien ben konsapevoli lill-Qorti u l-partijiet li d-dinamika tal-post in kwistjoni kien inbiddel minn wara l-incident b'kostruzzjoni ta' toroq godda.

[122] Folio 184 ta' l-atti processwali
[123] Dok A u B, Folio 189-190 ta' l-atti processwali
[124] Folio 244-256 u 265-269 ta' l-atti processwali
[125] Dok DV1-3, Folio 257 u Dok DV4-5, Folio 270-271 ta' l-atti processwali

Illi minn dan l-access irrizulta li l-mutur sofra tkaxkir iktar milli daqqa u dan sforz ghaliex il-mutur inqabbad taht it-trakk. Mill-acess irrizulta l-mod kif il-mutur inqabbad taht it-trakk.

Il-kwistjoni principali iddur mal-fatt li skont l-espert Buttigieg il-mirja in kwistjoni ma kienux sufficjenti sabiex l-imputat ikun jista jara lill-Boni taqla minn warajh. Skont l-espert, b'mod xjentifiku jikkonkludi li l-mirja ma kienux sufficjenti u minhabba li ma kienx hemm dawn il-mirja kif suppost b'hekk sar l-incident. Illi dan jikkontrasta ma dak li intqal mix-xhieda pajzana li raw l-incident li sehhqu li l-mod kif harget Boni ghall-arrieda minn wara u minn taht kien impossibli sabiex l-imputat seta qatt jara. Tant hu hekk li hi fil-fatt ma rnexxiliex taqbzu izda inqabdet mar-rota tieghu wara li beda hiereg mill-istop sign u inqabdet mar-rota tat-trakk u b'hekk tkaxkret. Irrizullta wkoll li peress li t-trakk kien mghobbi u mixghul kien hemm l-istorbju li servew sabiex ifixxklux milli jisma l-mutur.

L-istess espert jistrieh ukoll fuq il-xhieda li ta l-Perit Stewart Azzopardi waqt l-inkjesta li kien fuq il-post u inserta ra l-incident. Madankollu, filwaqt li l-espert tenna li kieku kien hemm mera addizjonali seta jara l-vittma, mix-xhieda tieghu stess irrizulta li ma kienx ser iwaqqaf dan l-incident milli ssir.

*"Il-Qorti: li kieku dawk il-mirja kienu hawn?*
*Xhud Mario Buttigieg: kien jara b'din tan-nofs*
*Il-Qorti: x'differenza kienet ser taghmel*
*Xhud Mario Buttigieg: ghax li kieku jhares ftit l-isfel kien jara l-mutur qieghed tahtu*
*Il-Qorti: huma kienu fuq stop. Issa la kienu qed jinqalaw minn fuq stop sign u kien hawn dawn il-mirja, anke li kieku kien hawn dawn il-mirja, spjegali?*
*Xhud Mario Buttigieg: mistoqsija daqxejn difficli ghala. Ghaliex jekk hi qabdet u harget u hi qasmitlu hemm hekk* ***bl-ebda mod ma seta jevita****, kieku baqet sejra dritta hemm*

*iva kien jevita l-incident ghax hi kienet tmur lejn in-naha tal-left u hu lejn in-naha tar-right*
*Il-Qorti: imma hi harget minn hemm*
*Xhud Mario Buttigieg:* ***difficli biex jevita. Dak hu***
*Il-Qorti: jigifieri inti qed difficlu biex jevita anke li kieku ra?*
*Xhud Mario Buttigieg:* ***iva.*** *Li kieku hargitlu minn naha tal-left min tahtu*
*Il-Qorti: hi hekk harget minn naha tal-left*
*Xhud Mario Buttigieg:* ***difficli***
*Il-Qorti: mela harget minn naha tal-left u kieku hawn dawn il-mirja addizzjonali*
*Xhud Mario Buttigieg: setgha jara jekk ihares*
*Il-Qorti: imma, Setgha jigi evitat l-incident?*
*Xhud Mario Buttigieg: difficli nghidlek iva jew le ghax ladarba hi qasmitlu u qasmitlu quddiem* ***ma kienx jevita zgur ghaliex kien jibqa' tila' xorta wahda fuqha, ghax hi dejjem qasmitlu from left to right.***
*……*
*Ghaliex hi qasmet from left to right.*
*Li kieku baqet ghaddejja dritt allura kien jigi evitat."*[126]

[enfasi tal-Qorti]

**Ikkunsidrat**

Illi mid-dinamika ta' kif sehh l-incident u kif wara gie rikostutwit waqt l-access jirrizulta li l-pern tal-kaz tal-prosekuzzjoni huwa propju fuq din il-kwistjoni tal-mirja. Madankollu mix-xhieda ta' l-istess espert Buttigieg li wasal ghal dan il-konkluzjoni li fuqha l-prosekuzzjoni ressqet il-kaz taghha, jirrizulta li anke li kieku kien hemm dawn il-mirja dan l-incident ma kienx ser jigi evitat ghaliex

[126] Folio 377-379 ta' l-atti processwali

il-vittma qasmet mix-xellug ghal-lemin minflokk baqghet sejra dritta meta marret taqbez it-trakk.

Illi mill-provi jirirzulta li t-trakk kien mghobbi u kien qed jaqla minn fuq *stop sign* bil-mod. Jirrizulta li l-vittma li kienet warajh marret biex taqla minn fuq l-istess sinjal u riedet taqbzu u taqsam ghal-quddiemu minnflok baqghet sejra dritta. Illi mix-xhieda ta' l-esperti u dawk okkulari irrizulta li fil-verita s-sewwieq tat-trakk ma seta jaghmel xejn biex ikun jaf li l-vittma kienet ser taghmel dik il-mossa li biha poggiet hajjitha f'tant periklu. Jirrizulta mill-provi li l-vittma, sfortunatament, u b'konsegwenzi tant koroh issograt taqbez trakk mghobbi bil-konkos li bil-fors kellu jimxi bil-mod minflokk stennietu jaqla u tohrog bil-mod warajh. Jidher li l-mutur ried jaqbz dan it-trak hu u hiereg u bil-mossa li ghamlet, bil-kalkoli li ghamlet inqabbdet mar-rota tat-trakk u b'hekk tkaxkret b'konsengwenzi tant gravi.

Mix-xhieda ta' l-espert Buttigieg waqt l-access jirrizulta li ma jezistix dak il-livell ta' dubju dettat mir-raguni li l-imputat naqas minn dak li kien qed jaghmel u ta' importanza huwa l-fatt li bil-mirja u mhux mirja dan l-incident qatt ma kien ser jigi evitat ghaliex kien propju l-vittma li saqet bil-mod kif saqet biex tipprova taqbez it-trakk.

Illi fil-kaz **Wright v. Wenlock** [1971] R.T.R. 228, DC; **Watts v. Carter** [1971] R.T.R. 232, DC. gie enfazzizat il-punt:

*"The facts of a particular case (such as failing to negotiate a bend and hitting a telegraph pole) may be such that, in the absence of any explanation, the only proper inference is that the driving was, at the very least careless".*

*Illi jigi relevat allura iktar u iktar meta l-isppjegazzjoni turi sens kbir ta' traskuragni u negligenza li kellu jinsab htija.*

Illi jirrizulta li l-vittma kellu negligenza minn naha taghha u kien il-kagun li wassal ghal incident fattali.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[127] fejn il-Qorti stqarret dwar il-livell ta' prova li kellha titressaq:

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover talProsekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' talevent dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija*

[127] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

*l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut."*

Il-Qorti hija tal-fehma li maghdud ma dawn il-fatti kollha li rrizultaw fil-mori tal-kawza, il-Qorti ma tistax tistrieh b'daqstant rassikurezza u unikament fuq ir-relazzjoni tal-espert tekniku bl-eskluzzjoni tal-provi l-ohra liema provi juru illi l-imputat kien diga beda t-triq id-dritta u li l-vittma kienet qed tipprova jaqbez b'manuvra ta' *overtaking*.

Il-Qorti tqis li, mill-assjem tal-provi, ma tirrizultax li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi, in-negligenza kriminali da parti tal-imputat. Ghall-kuntrarju, din il-Qorti hija aktar moralment konvinta li, f'dawn il-proceduri, kien proprju l-vittma, l-azzjonijiet taghha, in-nuqqas ta' *proper lookout* hija u hierga minn fuq l-*istop sign* meta kien hemm trakk mghobbi konkos jaghmel l-istess qabilha.

Ghalhekk, il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi kollha migbura u mressqa mill-prosekuzzjoni li l-kaz ma giex ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi u sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat mill-imputazzjoniet kollha dedotti kontrih.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225, 328(1), 49, 50, 289, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat Carmel Cauchi **mhux hati** ta' l-imputazzjonjiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**Moghtija illum nhar il-      ta' Marzu 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**